# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




FRAR 2002 · IT-22 SENA · GHADD 217 · NEWSPAPER POST

# Werrej


DAWL FRANĠISKAN

**FRAR 2002**
**It-22 sena • Għadd 217**
























**3** **Solidarjetà fit-tbatija**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

**4** **It-Tluq ta' San Pawl minn Malta**
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

**6** **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**8** **L-Ewwel Saċerdot Pokomo**
*minn P. Joe Galea OFMCap*

**10** **... Oħla mill-għasel għal fommu**
*minn P. Jesmond Micallef OFMCap*

**11** **Borża ta' Studju**

**12** **Nitkellmu ma' Fra Antnin Vella OFMCap**
*minn Br André Azzopardi OFMCap*

**13** **Il-Mara Żienja**
*minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap*

**14** **Mingħajr karezzi ma nkampax**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**15** **San Franġisk u l-Ħolqien fil-Filatelija**
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

**19** **Fil-Għabex tal-Ħajja**
*minn P. Charles Delia SJ*

**20** **Kuba u l-Istorja tagħha (4)**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

**22** **Iżakk - Dak li Jidħak**
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

**24** **Ħniena u Maħfra bla limiti**
*minn P. Frans Abela Giusti OFMCap*

**25** **Iħobbni, ma jħobbnix, iħobbni ...**
*minn Shirley Vella gi.fra.*

**26** **Jiktbulna l-Missjunarji**

**27** **Aħbarijiet Kapuċċini**

**28** **Samira**
*minn Jeanette Falzon*

**29** **Tista' tgħin lill-missjoni billi ...**

**30** **Tisliba**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

**30** **Jum l-Appostlu Pawlu**
*minn P. Remiġ Galea OFMCap*

**31** **Ħarsa ta' Mħabba**
*minn Br Dennis Calleja OFMCap*

**32** **Riżultat tal-Lotterija tal-Milied**




**Qoxra 1:**
***Mulejja, tkun imfaħħar m'Oħtna x-Xemx***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083


Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# Editorjal

minn *Fr. Joe Alessandro OFMCap*

# Solidarjetà fit-tbatija

Il-11 ta' Frar ifakkarna fl-ewwel dehra ta' Sidtna Marija ġewwa Lourdes, fi Franza; għalhekk bir-raġun hija l-festa liturġika tal-Madonna ta' Lourdes. Din it-tifkira ġiet marbuta, kif kien jixraq, mal-Jum Dinji tal-Morda. Fil-fatt, miljuni ta' nies imorru jżuru dan il-post b'fidi kbira fil-qawwa ta' Alla li, b'interċessjoni ta' Marija, jfejjaq mill-mard tal-ġisem kif ukoll minn dak tar-ruħ. Huma ħafna li ġarrbu waħda jew l-oħra minn dan il-fejqan.

Il-Papa, fil-messaġġ tiegħu għall-Jum Dinji tal-Morda għas-Sena 2002, ifakkarna f'Santwarju ieħor Marjan fin-Nofsinhar ta' l-Indja, f'Vailankanny, iddedikat lill-Madonna tas-Saħħa, magħruf bħala "Lourdes ta' Lvant", fejn miljuni ta' pellegrini, insara u mhumiex iżuruh. Marija hija meqjusa l-Omm li tħoss u tħenn għall-umanità li tbati.

Ta' min japprezza t-tfittix tax-xjenza medika biex ittaffi kemm tista' t-tbatija fil-mard tal-bniedem. Iżda huwa fatt li l-bniedem qatt ma jista' jeħles darba għal dejjem mit-tbatija u mill-mard. Għalina l-insara li nemmnu, it-tbatija u l-mard għandhom tifsira, jew aħjar valur. Huma sehem mit-tbatija li ġarrab Kristu biex fdiena. Bit-tbatija tiegħu fuq is-salib Kristu rebaħ il-ħażen u tana l-qawwa li aħna wkoll negħlbu l-ħażen bit-tbatija tagħna magħquda ma' tiegħu. It-tbatija u l-mard huma waqtiet ta' solidarjetà mat-tbatija ta' Kristu kif ukoll mat-tbatija u l-mard ta' tant nies.

Hawn il-Papa jdur fuq dawk il-persuni, irġiel u nisa mad-dinja kollha, li huma attivi fil-kamp tal-kura tas-saħħa: diretturi ta' ċentri tas-saħħa, kappillani, tobba, riċerkaturi, *nurses*, farmaċisti, ħaddiema u voluntiera parameidiċi. Huwa esprima kemm ġie mqanqal b'mod profond bix-xhieda straordinarja ta' nsara mpenjati f'diversi għaqdiet ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa, b'mod speċjali dawk li jaħdmu man-nies bi bżonnijiet speċjali u ma' dawk b'mard terminali, kif ukoll dawk involuti fil-qasam ta' mard ġdid bħalma hija l-marda ta' l-*Aids*. F'dan il-Jum Dinji tal-Morda l-Knisja turi s-solidarjetà tagħha u l-apprezzament lejn dawn in-nies hekk iddedikati, fosthom saċerdoti, reliġjużi u lajċi ispirati mill-figura ta' Kristu - is-Samaritan it-Tajjeb. Dawn qed jobdu l-kmand tal-Mulej waqt l-Aħħar Ikla: "Agħmlu dan (qadi fil-ħasil tar-riġlejn u l-qsim tal-ħobż) b'tifkira tiegħi" - l-għotja tiegħek innifsek lill-oħrajn.

Hawn, il-Papa jfakkar fid-don tal-ħajja mogħti minn Alla u jgħidilna: "Aħna l-bnedmin aħna ħarriesa tal-ħajja u mhux proprjetarji tagħha. Mill-mument tat-tnissil, il-ħajja umana tinvolvi l-azzjoni kreattiva ta' Alla u tibqa' għal dejjem b'rabta speċjali mal-Ħallieq, li huwa l-għajn u l-uniku għan tagħha."

Il-Papa jagħlaq il-messaġġ tiegħu b'talba lil Marija: "Nitlob lil Marija, Saħħa tal-Morda, biex tkompli tagħti l-ħarsien mimli mħabba tagħha lil dawk kollha li huma mġerrħin fil-ġisem u fl-ispirtu, u biex tidħol għal dawk li jduru bihom. Nitolbuha tgħinna ngħaqqdu t-tbatijiet tagħna ma' dawk ta' Binha aħna u nterrqu bit-tama ferrieħa sad-Dar tal-Missier." ❑



# It-Tluq ta' San Pawl minn Malta

minn P. Donat SPITERI OFMCap



*"It-Tluq ta' San Pawl minn Malta"*
*Lazzru Pisani - Knisja tat-Trinità Mqaddsa - Marsa*

L-10 ta' Frar hu jum wisq għażiż għalina l-Maltin. Hu jum it-tifkira tal-miġja ta' l-Appostlu Pawlu f'din Malta tagħna. Wasal Malta wara vjaġġ perikoluż li kien qed jagħmel lejn Ruma u li ntemm b'nawfraġju fuq ix-xtajta tal-gżira tagħna. Dan kien nawfraġju providenzjali, ippjanat u mmexxi mill-providenza ta' Alla. Ma kienx fi ħsieb Pawlu, kif kienu jkunu l-vjaġġi missjunarji li kien jagħmel biex ixandar l-Evanġelju, imma kien fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni ta' Malta.

L-istorja nafuha mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli (27, 1-28, 11). L-awtur tiegħu, li hu Luqa, wieħed minn sħab Pawlu fl-aħħar snin ta' ħajtu (ara Kol 4, 14; Film 24; 2 Tim 4, 11) u li miegħu, kif inżommu, kien fil-vjaġġ minn Ċesarija sa Ruma, irrakkonta b'reqqa kbira u fit-tul l-istorja tal-vjaġġ perikoluż u tan-nawfraġju f'Malta. Din hi żgur l-isbaħ paġna fl-istorja ta' pajjiżna. Biha aħna kburin u biha niftaħru. Għandna raġun nagħmlu kull sena t-tifkira solenni tagħha fl-10 ta' Frar.

## VJAĠĠ PERIKOLUŻ

Madankollu din id-data ma taqbilx mad-dati storiċi tal-vjaġġ perikoluż ta' Pawlu u sħabu, kif jirrakkontahulna San Luqa. Ta' "storiku" li kien, Luqa ħallielna deskrizzjoni dettaljata tal-mixja tal-vjaġġ skond id-dati ġeografiċi, minn port għal ieħor, u kronoloġiċi, minn jum għal ieħor.

L-ewwel parti tal-vjaġġ, kif nistgħu nsejħu l-ewwel versi tal-kapitlu 27, versi 1-12, hi bħal daħla ġenerali għar-rakkont tat-tempesta tal-baħar. Fiha Luqa jagħti ħjiel li l-vjaġġ kien se jkun ħażin bis-sinjal ta' rjieħ ħżiena li kienu jonfħu min-naħa tal-majjistral. Minn Sidon għal quddiem Ċipru – "u mxejna għall-irdoss ta' Ċipru, għax l-irjieħ kienu kontrina" (vers 4). Imbagħad minn port għal ieħor fil-kosta ta' l-Asja Minuri (it-Turkija) u ta' Kreta, għar-rdoss tal-kosta fuq in-naħa ta' nofsinhar ta' din il-gżira.

## BAĦAR MAGĦLUQ

"Kien għadda ħafna żmien u s-safar kien sar perikoluż, għax jum is-sawm kien ġa għadda" (27,9).

Din in-nota hi importanti ħafna biex tmexxina fuq il-linja kronoloġika tal-vjagġ ta' Pawlu u tan-nawfraġju tiegħu f'Malta. "Jum is-sawm" hu jum l-espjazzjoni (*jom hakkipurim*, ara Lev 16, 29-34). Il-Lhud kienu jħarsu dan il-jum bi tpattija tad-dnubiet darba fis-sena, "fis-seba' xahar, fl-10 tax-xahar". Is-seba' xahar kien ix-xahar ta'

Tixri, li jaħbat bejn Settembru-Ottubru tagħna. Ottubru kien fi tmiemu u x-xitwa kienet fil-bidu tagħha. Fix-xhur tax-xitwa - b'mod wiesa, bejn ix-xhur ta' Novembru u Frar-Marzu – il-Mediterran kien ikun "magħluq" għall-vjaġġi minħabba t-tempesti qliel li kienu jinqalgħu fih.

Pawlu kien jaf b'dik il-liġi tal-vjaġġi bil-baħar fix-xitwa. Għalhekk ta l-parir lill-mexxejja tal-ġifen biex ma jitilqux minn fejn kienu fi Kreta, fil-port li kienu jsejħulu "il-Portijiet is-sbieħ" (27, 8-10). Imma dehrilhom li kellhom jibqgħu sejrin, jisfidaw il-maltemp sakemm qabdu jitkaxkru 'l isfel mir-riħ grigal.

## JUM IN-NAWFRAĠJU

"Meta wasal l-erbatax-il lejl konna ninsabu mitfugħin 'l hawn u 'l hemm fil-baħar ta' Adrija" (27,27). Jekk bdew il-vjaġġ perikoluż ħabta ta' l-aħħar jiem ta' Ottubru (vers 9), l-erbatax-il lejl wassalhom sa nofs Novembru.

Kien bil-lejl, imma kien qorob il-jum. F'din id-deskrizzjoni San Luqa mexa pass pass mal-mixja tal-lejl: minn nofs il-lejl (27) għal qrib il-jum (29) saż-żerniq (33) u sbiħ il-jum (39).

U sebaħ il-jum! Jum in-nawfraġju ta' Pawlu u tas-salvazzjoni tiegħu u ta' sħabu fuq ix-xtajta ta' Malta, ħabta ta' nofs ix-xahar ta' Novembru. Dan kien il-jum tal-miġja ta' San Pawl f'Malta.

## JUM IT-TLUQ

Mela nistgħu nżommu li Frar kien ix-xahar tat-tluq tiegħu minn Malta. "Wara tliet xhur tlaqna fuq ġifen li kien għadda x-xitwa fil-gżira" (28,11). Minn Novembru sa Frar, bejn wieħed u ieħor, kienu x-xhur tax-xitwa meta l-vjaġġi bil-baħar kienu perikolużi.



*"In-Nawfraġju ta' San Pawl"*
*Francesco Zahra - Knisja ta' San Pawl tat-Tarġa - Naxxar*

Għalhekk il-ġifen ta' Lixandra fil-vjaġġ tiegħu minn Ruma li nqabad f'nofs il-Mediterran fil-bidu tax-xitwa, waqaf jistkenn f'Malta sakemm jgħaddi ż-żmien tal-periklu.

Fl-istess xhur kien hawn Malta wkoll Pawlu u sħabu – kienu b'kollox 276 ruħ – li kienu waslu b'nawfraġju f'Novembru. Huma wkoll kellhom jgħaddu x-xitwa fil-gżira sakemm setgħu jitilqu fi tmiem il-periklu tal-vjaġġi bil-baħar fix-xhur ta' Frar-Marzu.

L-10 ta' Frar hi data li toqrob aktar lejn it-tluq ta' San Pawl minn Malta milli lejn il-wasla tiegħu fil-gżira tagħna. Għalina l-Maltin hi dejjem data għażiża. Tfakkarna mhux biss fil-miġja ta' Pawlu, iżda wkoll fiż-żmien ta' tliet xhur li hu għadda fuq artna u fil-ġid li għamel ma' missirijietna bil-predikazzjoni ta' l-Evanġelju li xandrilhom u bil-mirakli tal-fejqan li għamel magħhom.

Tfakkarna wkoll fl-eżempji sbieħ ta' l-ospitalità u l-ġenerożità li missirijietna wrew ma' Pawlu u ma' sħabu mal-wasla tagħhom fil-gżira u tul iż-żmien kollu li damu joqogħdu fiha.

"In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll ... Urewna ġieħ kbir, u meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-gifen kull ma konna neħtieġu" (28, 2.10).

Dan hu ċ-ċertifikat sabiħ li ħallielna San Luqa, kif inhu stampat fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli. ❑

# Teleskopju fuq il-Ħajja



*minn P. William AXIAQ OFMCap*

L-għaqal mhux komuni fost ulied il-bnedmin daqs kemm wieħed jaħseb. L-imprudenza, il-fanatiżmu parrokkjali u l-bluha tal-ħajja ifixkluh milli jaqbad art fiż-żwieġ, fis-sagristiji tal-parroċċi u fl-użanzi li jaddottaw ċerti persuni reazzjonarji. Ir-riflessjonijiet li ġejjin jikxfu dan kollu.

## 1 KOPPJI FLIMKIEN F'IRZIEZET F'GĦAWDEX

Il-ħbiberija sabiħa, saħansitra bejn il-koppji miżżewġin. Hi valur kbir, basta ma titħażżinx u ssir kompliċità fil-ħażen. Dan jiġri meta tibda dieħla l-familjarità. Din tidħol inkiss inkiss, sakemm tibda tisraq, daqqa b'ħaġa u daqqa b'oħra, is-sieħba jew is-sieħeb ta' l-oħrajn, waqt li tferi l-fedeltà fiż-żwieġ ta' dak jew ta' l-oħra b'kunfidenzi, *flirt, petting* jew *necking* jew saħansitra adulterju. Meta l-ħbiberija ma tibqax tgħożż il-valur protettiv tal-prudenza, iżjed u iżjed fost koppji miżżewġin, jibda jiġri, x'aktarx, li kexxun ġdid jibda jaqla' kexxun qadim, biex jidħol minfloku, u b'hekk jibdew abbużi serji.

Qegħdin nisimgħu b'koppji miżżewġin li tant trabbiet ħbiberija intima bejniethom li saħansitra qegħdin imorru jqattgħu *long week ends* flimkien f'irziezet f'Għawdex f'ċerti ċirkustanzi ta' matul is-sena, u qisu mhu qed jiġri xejn. Din il-ħaġa, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, tidher li ma fiha xejn, imma jekk il-koppji ma jeħdux ħsiebha, għax jibdew jagħmluha ta' spiss jew kull tant żmien, tista' tibda tagħti bidu għal ċerti affarijiet mistkerrha fiż-żwieġ. Stejjer għandna biżżejjed!



Altru koppji ħbieb imorru jieħdu pizza flimkien f'*restaurant,* u altru jmorru jgħixu taħt saqaf wieħed f'atmosfera ta' mistrieħ u rikreazzjoni. Altru koppji miżżewġin imorru jgħumu flimkien kull tant żmien, u altru koppji miżżewġin jagħmlulek 'il fuq minn jumejn flimkien, qishom familja waħda, f'*farm house* San Lawrenz, Għawdex.

Tgħid fl-Italja b'liema mod daħlet l-użanza fost ċerti koppji miżżewġin li jiftiehmu bejniethom u jmorru jgħixu flimkien (*in comune* jgħidu huma, għax b'dan il-mod timxi l-amministrazzjoni ċivili fir-reġjunijiet u fil-provinċji tagħhom) u, fl-istess ħin, jaqsmu u jħalltu kollox flimkien? Ir-risposta nħalliha għalik li qed taqra.

***Mulej, għamilni prudenti billi nifhem li l-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser.***

## 2 IL-GWAJ F'ĊERTI PARROĊĊI

Vapur b'ħafna kaptani ma jimxix. Hekk qed jiġri f'ċerti parroċċi tad-djoċesi tagħna. F'dawn il-parroċċi, il-kappillan huwa biss *figure head* u xejn iżjed. Hu ma jikkmanda xejn. It-tmexxija tal-parroċċa, l-aktar f'ċerti affarijiet, mhix f'idejh imma f'idejn nies li nsejħulhom dilettanti tal-knisja u tal-festi. Dawn ikunu offrew ruħhom, biex jagħtu daqqa ta' id fl-elettriku jew fit-tiżjin tal-knisja u, maż-żmien, tant isiru midħla tal-post imqaddes li saħansitra jibdew jikkmandaw huma. Jieħdu ċertu pussess. Isiru arroganti u prepotenti, għalkemm tibqa' d-differenza bejn wieħed u ieħor.

Minħabba fihom il-kappillan ma jkunx jista' jmexxi l-parroċċa 'l quddiem. Għalkemm f'dik li hija sengħa u ffrankar ta' flus huma ta' għajnuna kbira lill-parroċċa, madanakollu fl-ideat tagħhom issibhom limitati ħafna. Issibhom kontra ċertu progress. Joħolmu biss parrokkjaliżmu bla sens.

Dawn it-taIln huma attenti biex jiftakru kemm-il sena se tagħlaq dik il-bradella, dik in-niċċa, dak is-sett kandlieri, dak il-ventaltar, dik l-istatwa u dik il-pilandra, imma biex iħarsu 'l quddiem fuq il-ġejjieni tal-parroċċa ma jinqalgħux, anzi jagħmlu l-bsaten fir-roti biex il-ġdid ma jidħolx. Forsi, mhux għalhekk għandna ċertu laqar f'ċerti parroċċi li baqgħu stil tradizzjonali?

Il-gwaj hu li dawn in-nies issibhom nies dejjem il-knisja imma xi wħud minnhom ħajja spiritwali ma jafux



xi tfisser. Hawn il-gwaj ikompli jikber. Min hu spiritwali u jħobb lill-Madonna u lill-qaddisin tisimgħu jirraġuna bil-mod li ġej: "Aħna twelidna u trabbejna hawn u aħna nikkmandaw għax qegħdin f'darna u mhux bħall-kappillan li ġej minn parroċċa oħra" ... "Hawnhekk jew isir kif ngħidu aħna jew inkella nagħmlu *boycott*, Sur Kappillan!"

Min hu spiritwali u hu bniedem tal-Knisja - u mhux dilettant tal-knisja biss - tarah jinqeda bil-knisja, biex jikseb prestiġju personali fil-parroċċa u biex ikun fuq ħalq in-nies, ħalli jgħidu kemm tgħaddi tiegħu fid-deċiżjonijiet tal-parroċċa? Ma naħsibx. Ara x'kukkanji għandna f'ċerti parroċċi u kemm qegħdin tajjeb bihom!

Naf li din hija sitwazzjoni li mhux se ssolvi ruħha malajr, meta diġà hawn żgħażagħ li telgħin b'din il-mentalità ta' min jistmerrha. Imma xi ħaġa trid tibda ssir, iżjed u iżjed meta l-parroċċi tagħna, minn hawn u ftit ieħor, se jkunu ħafna f'idejn il-lajċi milli huma sal-lum, minħabba in-nixfa li hawn fil-vokazzjonijiet.

***Mgħallem Divin, għallimni inti kif irrid inħobb il-parroċċa tiegħi.***

## 3 TPINĠIJA FUQ L-ISPALLEJN

F'dawn l-aħħar żminijiet daħlu diversi drawwiet ġodda fost il-poplu fil-mod kif xi wħud qed jilbsu, jaqtgħu xagħarhom *(Mohican-style haircut)* bħal David Beckham, *British soccer star* u *fashion icon*, iżejnu widnejhom u bnadi oħra ta' persunithom b'imsielet u ħaġar prezzjuż ... Issa daħlet użanza oħra: it-tpinġija mhux biss fuq wiċċ id-dirgħajn, imma saħansitra fuq l-ispallejn mhux ta' l-irġiel biss imma anki tan-nisa. Hawn min imtela b'din it-tpinġija.

Xi wħud ma jħossuhomx f'dinja jekk ma jmorrux għand it-*tattooist* jew it-*tattooer*, ħalli jpinġilhom xi ħaġa fuq spallejhom skond il-gosti tagħhom. Jew inkella jikkonsultaw lil *Mehndi Skin Art Distributor* jew *Mehndi, the art of Henna Body Painting*, sabiex ipinġilhom xi figura fuq xi parti ta' ġisimhom għal ċertu żmien. Wara li dawn ipinġihielhom, ma jkunux f'sikkithom jekk ma jagħtux sodisfazzjon lill-oħrajn ta' dak li jkunu ddeċidew li jagħmlu. Iridu jiddandnu, billi juru li fuq spallejhom, jew x'imkien ieħor, għandhom x'juru, qishom għamlu xi bravura.

It-tpinġija fuq wiċċ il-ġilda tad-dirgħajn jew tas-sider, iżjed u iżjed meta tkun esaġerata u permanenti għax bil-labra (mutur), hija xi ħaġa li tmur kontra l-edukazzjoni u ċ-ċiviltà, iżjed u iżjed il-lum il-ġurnata, meta dħalna f'seklu ġdid, li fih, suppost bdejna nevitawhom użanzi bħal dawn. Dak jiġri anke meta t-tpinġija tkun temporanja, għax magħmula bil-*Henna Arts*. Imma mur waqqaf il-moda meta tant hawn għajat fuqha, speċjalment fuq ċerti *web sites*! Din trid tagħmel il-ġirja tagħha u mbagħad tieqaf weħidha.



Dak li jiddispjaċik hu li ħaġa bħal din kemm qiegħda ssir komuni, mingħajr dak/dik li jkunu mhuma jirrealizzaw kemm hi ħaġa baxxa u kemm tista' twaqqgħalhom ġieħhom quddiem in-nies, iżjed u iżjed meta ma tkunx moderata. Dak li jkompli jnikktek hu l-fatt li hawn ħafna żgħar li qegħdin jittieħdu minn din id-drawwa, li ma tantx tirrifletti tajjeb fuq min jintrikeb minnha. Naf b'persuni li ssoġġettaw ruħhom għat-tpinġija meta kienu żgħażagħ. Meta kibru xtaqu jħallsu l-mijiet ta' liri biex inħħuha imma għalxejn. Naturalment hawnhekk qiegħed ingħid għal dawk li jkunu qagħdu għat-tpinġija tal-labra.

L-għaqal jgħidlek biex ma titteħidx minn użanzi xejn sbieħ ta' ġens jew poplu li tħobb u lanqas minn persuni li tagħmilhom allat tiegħek. Fit-tajjeb imitahom b'għajnejk magħluqa, imma f'affarijiet ta' bluha ma jaqbillekx.

***Kristu Ġesù, ġagħalni nirrifletti qabel ma nieħu ċerti deċiżjonijiet banali.***

# L-Ewwel Saċerdot Pokomo



Grupp ta' tfajliet jiżfnu waqt il-purċissjoni tal-bidu.



P. Andrei Kokani bil-pjaneta ta' presbiteru.



Xellug: Mara qed ittellgħa l-Bibbja għal-Liturġija tal-Kelma.



P. Andrei flimkien mal-ġenituri tiegħu Patrick Galana u Busara Heri.

Nhar is-Sibt, 24 ta' Novembru 2001, kienet ġurnata importanti ħafna għall-parroċċa ta' Hola fid-djoċesi ta' Garissa, fil-Kenja. Għall-ewwel darba saret ordinazzjoni saċerdotali ta' saċerdot mit tribù Pokomo. Din kienet ukoll l-ewwel ordinazzjoni f'din il-parroċċa. Dan is-saċerdot il-ġdid huwa



*Mumenti waqt l-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' P. Andrei Kokani mill-Isqof Pawlu Darmanin OFMCap.*




Patri Andrei Kokani. Andrei twieled f'Wenje, wieħed mill-villaġġi tal-parroċċa ta' Hola, fl-10 ta' Mejju 1967. Minn meta kien għadu tfajjel żgħir kien midħla ta' P. Joe Galea li mar f'din il-parroċċa hekk kif qaddes, fl-1975. Andrei ġietu l-ħajra li jidħol mal-patrijiet Kapuċċini u għalhekk, fl-1990 daħal fis-seminarju tal-Kapuċċini f'Umoja, fil-parroċċa ta' Mpeketoni, u fid-29 ta' Awissu 1992, beda n-novizzjat fit-Tanzanija. Wara li spiċċa s-sena tan-novizzjat ġie mibgħut jistudja l-filosofija fiż-Żambja u t-teoloġija fis-seminarju tal-Kapuċċini f'Nairobi, fil-Kenja. Iż-żmien tad-djakonat għamlu proprju fil-parroċċa ta' Hola fejn għen ħafna lil P. Joe Galea, lil P. Spiro Galea u lil P. David Kamau fix-xogħol pastorali.

Ġie ordnat saċerdot minn Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof ta' Garissa, assistit mill-kappillan P. Joe Galea u minn P. Spiro Galea, it-tnejn missjunarji f'Hola. L-ordinazzjoni saret fil-knisja parrokkjali u għaliha attendew diversi aħwa Kapuċċini kemm Kenjani kif ukoll Maltin.

Ħafna nies mill-villaġġi ta' madwar Hola, u b'mod partikulari mill-villaġġ ta' Wenje fejn twieled u trabba Andrei, ġew biex jieħdu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni ta' ferħ, mimlija talb, kant, żfin u diskorsi.

Sar talb u radd ta' ħajr lill-benefatturi kollha Maltin u Għawdxin li għenu lil dan is-saċerdot Kapuċċin żagħżugħ u lil shabu l-oħra, permezz tal-"Boroż ta' Studju", biex setgħu isiru presbiteri għall-ġid tal-Knisja lokali fil-Kenja u b'mod partikulari għaż-żewġ djoċesijiet afdati f'idejn żewġ Isqfijiet Kapuċċini Maltin, dik ta' Garissa b'Mons. Pawlu Darmanin u dik ta' Malindi b'Mons. Francis Baldacchino.

Issa, P. Andrei qiegħed jaqdi l-ministeru saċerdotali tiegħu fil-parroċċa l-ġdida fid-djoċesi ta' Malindi flimkien ma' żewġ Kapuċċini oħra Kenjani, P. Martin Njiraini (kappillan) u Br. Patrick Wambua. Nawguraw lil dan is-saċerdot ġdid kull għajnuna u kull barka mis-sema fil-ħidma pastorali tiegħu. *AD MULTOS ANNOS!* ❑



# ... Oħla mill-għasel għal fommu

minn P. Jesmond MICALLEF OFMCap

Issa kulħadd kien konvint: Franġisku kien iħobbu. Ma kien hemm l-ebda dubju jew l-ebda dell ta' mistoqsija dwar dan. Ma kienx għadu argument li titkellem fuqu. Kulħadd seta' jara b'għajnejh u jmiss b'idejh. Kien jgħaddi ljieli fit-talb. Imur ifittex għerien iżolati u mbiegħda fejn jitlob: jitla' fuq għoljiet wieqfa sewwa; jagħmel jiem jimxi sa ma jsib postijiet f'boskijiet fejn ħadd ma kien jażżarda jmur. Imma hu kien imur. L-imħabba kienet timbuttah. Saqajh kienu jeħduh. Kien kuraġġuż biżżejjed biex jagħmel dan. Għax Franġisku kien iħobbu. Kien iħobbu ħafna. Ma setax jgħaddi mingħajru.

L-aħwa kienu jafu li hu kien dejjem okkupat bih. Kien iġorru f'qalbu, f'fommu, f'widnejh, f'għajnejh u fil-membri kollha ta' ġismu. Kemm-il darba kien jiġrilu li waqt li jkun għall-ikel, meta kien jisma' ismu jew jitkellem jew jaħseb fuqu, kien jinsa l-ikel li kien quddiemu: hekk jara ma kienx jara u jisma' ma kienx jisma'. Tidher xi ħaġa kuntrarja għall-istess idea. Imma għal min iġarrab f'ħajtu din l-esperjenza jgħidilkom li mhix. Ġieli kien jinsa li qiegħed fi vjaġġ jimmedita s-sbuħija tal-ħolqien. Kien idur lejn il-kreaturi kollha u jistedinhom biex ifaħħruh.



San Franġisk ta' Assisi

Dan Ġesù, dan Ġesù, kien ġennu ġenwinament.

Xi ħadd kien jistaqsih: "X'inhi l-imħabba? Nitolbok għidli! Forsi l-imħabba hi nixxiegħa, nixxiegħa u bir fejn jiltaqgħu r-rimors u l-pjaċir?

X'inhi l-imħabba? Qanpiena tal-ferħ li ddoqq biex twassal l-aħbar tal-ġenna? Nitolbok lissinli, lissinli mill-ġdid u għidli x'inhi l-imħabba? Forsi hi l-jiem batja tat-tiġrib? Forsi hija d-dlam ta' Diċembru, jew id-dawl ta' Mejju? Forsi hija x-xita ta' Frar jew il-fjuri ta' April? Għidli, lissinli għal darba x'inhi l-imħabba? Tħallinix nistaqsik dejjem. Forsi hi xi ħaġa li tmur malajr? Xi sentiment?"

U Franġisku wieġeb: "Naf inħallik tistaqsini iżjed, imma ma rridx inħallik bil-kurżità. Ħa ngħidlek. L-imħabba jisimha ĠESÙ".

Ġesù kien dak li hu kien iħobb. Kien dejjem fuq xofftejh, fuq għajnejh, fuq widnejh. Ġesù, Ġesù. L-isbaħ isem li qatt inkiteb hu Ġesù. Kien jimmedita dejjem kliem is-Salmista f'Salm 118: "kemm hi ħelwa l-kelma tiegħek, oħla mill-għasel għal fommi." Ġesù hu "l-verb li sar bniedem u għammar fostna. U aħna rajna l-glorja tiegħu."

Franġisku kien dejjem jittama li jgħix f'din il-glorja li ntweriet f'Ġesù. Hekk hu sa minn din id-dinja stess kien

ġa beda jduq ftit minn din il-glorja tal-maħbub tiegħu. Meta kien jisma' l-kelma Ġesù jew meta kien hu nnifsu jlissen il-kelma Ġesù, kien jgħaddi-lsienu minn fuq xofftejh bħallikieku kien qed jogħmod xi ħaġa tajba, bħallikieku kellu quddiemu platt tajjeb li kien qed ġa jissodisfah qabel jieklu.

Fil-konversazzjonijiet tiegħu, Ġesù kien iċ-ċentru. Ma kienx jitkellem fuq ħwejjeġ oħra ħlief fuq Ġesù. Għajnejh kienu fissi biss fuqu. Hu kien il-bidu u t-tmiem tad-diskursati tiegħu. L-isem ta' Ġesù tennih kontinwament b'dak il-leħen ġwejjed tiegħu, qisu ta' ħaruf f'dirgħajn ir-ragħaj tiegħu. L-abbundanza ta' qalbu kienet tfur f'ħalqu. L-enerġija tiegħu kien jaħliha biss fuq dak li sa minn dejjem għoġbu jsir bniedem bħalna fi żmienna biex isalvana, dak li ried isir jixbah lil ħutu f'kollox, dak li għamel lilu nnifsu saħta għalina biex nistagħnu aħna. Issa ismu jdum għal dejjem.

Franġisku! Franġisku! Mhux li kont tgħallimna llum il-ħtieġa tas-silenzju. F'dinja mimlija storbju ta' ideat u ħsibijiet, ta' kliem li jingħad bl-addoċċ li ħafna drabi jfieri aktar milli jgħin, għallimna llum kif niggustaw dan l-isbaħ isem li qatt inkiteb.

Franġisku! Franġisku! Il-kelma tal-maħbub hija oħla mill-għasel pur. Urina li l-preċetti tal-maħbub huma għaxqa għax huma jagħtuna parir tajjeb. Inti li ħarist kelmtu u hekk infetħulek għajnejk, għallimna nżommu l-kelma tiegħu f'qalbna biex ma nidinbu qatt. Inti ħarist kelmtu bir-reqqa u żammejt sħiħ fil-mixi tiegħek. Inti ħarist kelmtu u din tatek parir tajjeb. Anke meta mnikket, ħarist kelmtu, u għalhekk żammejt it-triq tas-sewwa. Inti, li Ġesù tak il-ħajja bil-kelma tiegħu, ma ħallejtx lil għajnejk iħarsu lejn il-frugħa. Inti, li afdajt fil-kelma tiegħu, stajt tagħti tweġiba lil min ipprova jisraqlek is-salvazzjoni biex jagħtik f'idejn l-akkużatur. Inti ħabbejt il-Kelma tiegħu. Il-jum kollu kont ħsiebek fiha. Aktar mix-xjuħ kont bil-għaqal għax inti ħarist kelmtu. Fanal kienet kelmtu għal riġlejk.

Hekk inti ma waqajtx fil-mogħdija u ma ġġarraftx kif għamlu l-ħafna ta' żmienek. Anki meta l-akkużatur nasablek xibka, inti ma dħaltx fiha. Anzi kont int li keċċejtu meta rajtu jdur fuq il-belt ta' Arezzo; anki meta pprova jimbuttak minn fuq La Verna. Il-Kelma tal-maħbub kienet għalik tarka u kenn. Ħsiebek dejjem kien fil-kmandamenti, fil-wegħda u l-kelma tal-Maħbub.

Ta' min jipprova jgħix din l-imħabba għall-Maħbub. X'Maħbub kellek! U x'ħallejtilna bħala wirt!

Mel'hekk, l-imħabba, mel'hekk, dik hi!

L-imħabba hija Ġesù - Ġesù biss. ❏

# Borża ta' Studju



Jekk tixtieq tgħin iż-żagħżagħ Kapuċċini Kenjani biex isiru saċerdoti reliġjużi tista' tagħti Borża ta' Studju.

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien.
Tista' tingħata anki ftit ftit.

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:





Fr. Joe Alessandro,
Uffiċċju
Missjoni Kapuċċini,
Floriana

Tel: 21 233 874
21 234 949
21 225 525



# Nitkellmu ma' Fra Antnin Vella OFMCap

*minn Bro. Andrè Azzopardi OFMCap*

***• Fra Antnin, inti miż-Żejtun, tista' tgħidilna kif kien iż-Żejtun ta' tfulitek?***

Peress li kienet għadha kemm spiċċat il-gwerra, għalkemm iż-Żejtun ma tantx kien ntlaqat mill-bombi, xorta konna għadna ħerġin mill-biża' tal-gwerra. Dak iż-żmien kien hemm diversi familji li ġew mill-Kottonera biex isibu refuġju fiż-Żejtun. B'hekk, il-gwerra ġabet ħafna nies ġodda fiż-Żejtun. Fi tfuliti kont tara iktar bhejjem bil-karettuni milli karozzi.

***• X'kienet il-ħajja fil-familja fi żmien meta int kont għadek żgħir?***

It-tfulija tiegħi kienet normali; ħajja sempliċi, familja bħall-oħrajn. Konna sebat aħwa u jiena kont il-kbir. Fl-aħħar żmien tal-gwerra kont bdejt naħdem ma' missieri fil-ġebel. Kellna trobbija tajba ħafna u l-ġenituri dejjem fittxew li jrabbuna bħala nsara tajbin. Filgħodu, ta' kuljum, konna mmorru nisimgħu l-quddiesa u filgħaxija ngħidu r-rużarju flimkien.

***• Kif ġietek il-vokazzjoni biex issir Kapuċċin?***

Iddeċidejt li nidħol mal-patrijiet Kapuċċini billi kont nara lil Fra Karm, ajk Kapuċċin, li għadu ħaj, idur bieb bieb fit-toroq tar-raħal għaċ-ċirka. Kien jiġi ż-Żejtun kważi kuljum u l-imġiba tiegħu kienet ġibditni biex nagħmel bħalu u nidħol mal-patrijiet.

***• Għaliex ħassejt li għandek tibqa' fra Kapuċċin?***

Iddeċidejt li nibqa' fra Kapuċċin għaliex b'hekk stajt ngħix iktar il-ħajja reliġjuża b'mod sempliċi. Min-naħa l-oħra hekk ħassejt li kienet is-sejħa tiegħi.

***• Liema kienu l-ħidmiet tiegħek kemm ilek li dħalt fil-Provinċja Kapuċċina?***

Il-ħidmiet tiegħi fi ħdan il-Provinċja Kapuċċina kienu diversi. Meta kont fil-kunvent ta' Santa Liberata, kont noħroġ għaċ-ċirka n-naħa tal-Kalkara. Fl-istess waqt kont sagristan tal-knisja ta' Santa Liberata.
Wara xi snin il-Kalkara ġejt mitlub li mmur fil-kunvent u l-knisja tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa fejn għadni hawn sa llum. Issa ilni għal madwar 35 sena sagristan maġġur tal-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa. Barra x-xogħol fil-knisja nara li nkun ta' għajnuna kemm nista' fil-kunvent.

***• Liema qaddis Franġiskan Kapuċċin jolqtok l-iżjed?***

Bħala qaddis Franġiskan Kapuċċin jolqotni ħafna San Franġisk Maria minn Campo Rosso, li kien fra Kapuċċin. Dan il-qaddis kellu ħafna kuntatti man-nies tax-xatt ta' Ġenova, ġewwa l-Italja, fejn kien imur għaċ-ċirka. Barra li kien jgħin lill-kunvent b'dak li kien jiġbor, kien jagħmel ħafna ġid man-nies bl-eżempju u b'xi kelma tajba.

***• X'inhu l-messaġġ tiegħek għall-poplu Malti?***

Il-messaġġ li nixtieq nagħti huwa li f'din il-ħajja kemm bħala Franġiskan Kappuċċin, kif ukoll kull wieħed u waħda minna nistgħu ngħixu ħajja sempliċi u nogħġbu 'l Alla.



## Mill-ittri tal-qarrejja ...

•Jiena r-rivista tagħkom **Dawl Franġiskan** togħġobni ħafna. Hekk kif nirċeviha ma noqgħodx sa ma naqraha kollha. In-novelli veru sbieħ. Grazzi ħafna tat-tagħrif li tagħtuna fuq il-missjoni tagħkom. *L. Azzopardi - Ħaż-Żabbar*

• Jiena Marian li ta' kull sena nibgħatlek ftit bolol u wkoll nixtieq nirringrazzjak tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Grazzi ta' l-istampi kuluriti li qed tagħmlu fiha. Veru jkunu sbieħ u utli għall-iskola. Sikwit ikollna xi *project* u jien u tnejn oħra fil-klassi neħduhom u nużawhom flimkien ma' sħabna l-istudenti. Ħafna jkunu jridu jaqrawh. Sikwit nagħti l-indirizz tiegħek biex ikunu jistgħu jabbonaw. Jien u l-familja tiegħi nieħdu gost naqrawaha r-rivista u kulħadd jgħidilkom prosit.
*M. Sciberras - Ħaż-Żebbuġ*

• Hawn qed nibgħatlek il-ħlas sabiex inġedded għal darb'oħra l-abbonament tiegħi fir-rivista **Dawl Franġiskan** għas-sena 2002 flimkien ma' donazzjoni. Prosit għall-ġid li qed tagħmlu u ta' l-informazzjoni li tagħtu.
*M. Fenech - Ħamrun*

*Riflessjoni għar-Randan*

# Il-Mara Żienja

minn *Mons. Francis Baldacchino* OFMCap
*Isqof ta' Malindi*

Kulmeta qrajt l-episodju tal-mara maqbuda tiżni, l-Ispirtu s-Santu dejjem nebbaħni b'xi ħaġa li ma kontx intbaħt biha qabel. Xtaqt niġbor dawn il-lemħiet f'kitba waħda qasira.

Quddiem għajnejja għandi lill-mara wiċċha ma' l-art bil-biża' u l-misthija, folla nies madwarha, ftit xjuħ jakkużawaha u Ġesù wieqaf fin-nofs.

Il-mara, żgur li dinbet, għax inqabdet fil-fatt. Forsi kien telaqha żewgha, jew ma kienx iħobbha u kien jaħqarha. Forsi kienet bżonn il-flus, jew kienet iddisprata għax kienet baqgħet bla tfal. Jista' jkun li sempliċement kienet dgħajfa u tħobb il-pjaċir. Aktarx li l-ġirien kienu jafu li kienet laxka. Żgur li x-xjuħ kienu mgħarrfin b'għemilha. Min jaf kemm qasqsu kontra tagħha, għamlulha l-għassa u stennew sakemm wasal il-waqt mixtieq mix-xjuħ u l-ġirien. Il-fatt hu li ħaduha għal għarrieda, qabduha u kaxkruha tul it-toroq dojoq ta' Ġerusalemm sa fejn kienu jafu li kien hemm Ġesù. Nista' narahom iġebbdu fiha, u hi tinġibed lura; nisma' l-għajat u l-biki tagħha; in-nies li kienu jistennew wara t-twieqi, il-bibien u l-ħsajjar, dlonk ħarġu fit-triq u ħolqu folla ġmielha, miexja warajha. Kulħadd joffendiha, ilumha u jikkundannaha. Xi wħud żgur fakkruha li se tispiċċa mirduma taħt borġ ġebel, kif kien jixirqilha!

Fl-aħħar, bil-folla tross warajha, bla ebda dinjità jew tama ta' ħajja, sabet ruħha quddiem Ġesù, u beżgħet minnu. Kellha fiduċja kbira f'ħabibha, li f'idejh intelqet imqar meta kienet taf x'seta jiġri li kellhom jinqabdu.

Qisha kienet lesta tbati minn kollox, basta tifraħ u tbati miegħu. Imma dan, meta ra li nkixfu, dabbar rasu, ħarab u għeb għal kollox mix-xena. Ma tanx kien ħajt tas-sod għaliha. Forsi qatt ma beżgħet mix-xjuħ, xempju ta' serjetà, qima u għerf. Imma kienu huma li daħħluha fin-nassa. Dehru qishom iridu jħarsu l-Liġi ta' Mosè. Imma din kienet tgħodd kemm għall-mara kif ukoll għar-raġel. Kienu jafu min hu, għax kienu ilhom jonsbuhom, mindu semgħu bil-ħbiberija ta' bejniethom. Għaliex lilha riedu jħaġġruha, u lilu le?

Kien hemm in-nies jixluha u jmaqdruha. Kienu l-ġirien u ħbiebha, li kienu jitbissmulha u jsellmulha *Xalom* kull jum u kull ħin. Forsi qatt ma kienu sejħulha u wissewha bħala oħthom. Ma kienu ta' ebda għajnuna. Dawn insew id-debbolezza tagħhom, u daru kontra tagħha.

Imma l-mara kienet beżgħana minn Ġesù; stennietu se jisħaq li l-Liġi ta' Mosè kellha tkun osservata, għax ħadd ma seta' jibdilha. Ġesù kien qiegħed jara kollox, jifli l-qlub u jaqra l-imħuħ. Kienet midinba, dgħajfa u belha; aktarx imdorrija tidneb. Kienet weħidha; ma kien hemm ħadd min jiddefendiha. Fost il-folla forsi kien hemm min kien infidil daqsha, li forsi xi ħadd kien jaf bih ukoll, imma satru. Ġesù, qisu f'mera, kien qiegħed jara d-dnubiet u l-ħażen ta' dawk li kienu qegħdin jakkużawha u jinsistu li jridu jħaġġruha.

Imma fuq kollox kien jaf li kienet b'xi mod vittma. Qabel kulħadd, hu lilu li riedu jikkundannaw. Kienu lesti jissagrifikaw il-ħajja ta' mara debboli, biex ikollhom fuqiex jixluħ! Kinux nasbuha huma stess, u allura ħabibha kien ħabibhom, li malajr ħallewh jaħrab u jgħeb? Mhux ta' b'xejn li Ġesù bil-kemm ried ikellimhom.

Imma għax ħanin, xorta tahom tweġiba pulita, għalkemm qawwija u umiljanti. It-tagħlima ħaduha x-xjuħ kollha; imma mhux huma biss, għax flimkien magħhom imqar il-folla wkoll għebet, u ħadd ma refa' l-ewwel ġebla biex iħaġġar il-mara.

Fl-aħħar baqgħu huma t-tnejn biss: Ġesù wieqaf u l-mara wiċċha ma' l-art, tistenna s-sentenza tinqata'. "Lanqas jiena ma nikkundannak. Mur u terġax tidneb!"

Tassew kienet żbaljat. La kellha għalfejn tafda fil-ġirien, la fix-xjuħ, u lanqas f'ħabibha. Kellha tafda biss f'Ġesù. Imma kienet għadha ma tafux. Aħna għarafnieh u nafuh! ❏



minn P. William AXIAQ OFMCap

# Mingħajr karezzi ma nkampax

**Father, żewġi jsiefer ta' spiss b'kuntratt ta' xogħol. Jiġi Malta kull tant żmien u mbagħad jerġa' jsiefer u jdum xhur barra minn Malta. Minħabba f'hekk jiġri li jiena ma nkunx kapaċi ngħaddi mingħajr l-imħabba tiegħu. L-intimità fiż-żwieġ inħossha bżonn li mingħajru ma nistax ngħix.**

**Din is-sitwazzjoni qiegħda, fl-istess ħin, tagħtini ġewwa u tirrendini inkapaċi nibqa' fidila lejh, kif dejjem kont. Qiegħed jiġri li qed ikolli avventuri minn taħt ma' persuni oħrajn li għandi grazzja magħhom jew huma miegħi, jew inkella għax darba, qabel ma żżewwiġt, kont ninnamra magħhom. Mingħajr karezzi ma nistax inkampa.**

**X'taħseb fuq il-qagħda tiegħi?**

Is-sitwazzjoni li sibt ruħek fiha hija waħda li, qabel xejn, titlob ħafna komprensjoni u mogħdrija. Trid tkun mara miżżewġa bħalek biex tkun taf x'jiġifieri ma tgħixx regolarment mar-raġel tiegħek, iżjed u iżjed meta tkun tħobbu tabilħaqq. Ċerti turijiet ta' mħabba li jkunu saru parti mill-ħajja miżżewġa mhux la kemm waħda tgħaddi mingħajrhom kif ġieb u laħaq.

Il-ħsieb fuq ir-raġel imbiegħed jimla iżjed il-mara bih milli jista' jimlieha meta r-raġel ikun jinsab kontinwament, jew ħafna drabi, ma' djulha. Il-moħħ jaħdem hekk u s-*psiche* tagħmel l-iskerzi tagħha fuq livell sesswali b'mod li ma tobsrux.



Meta r-raġel ikun imbiegħed minn martu, ix-xewqa tagħha għalih tagħmel iżjed fiha. F'dan il-każ mhux veru bogħod mill-għajn bogħod mill-qalb.

Dan ifisser li meta persuna tkun f'dan l-ilma ma trid xejn biex issib ruħha f'ċerti tentazzjonijiet li ma tħosshomx meta taf li żewġha jinsab Malta. Il-bogħod jista' jikkaġuna ċerti tentazzjonijiet u jikkargahom. Għandu kapaċità jġib dan l-effett. Il-każ tiegħek dan li jixhed.

B'daqshekk, iżda, ma jfissirx li waħda għandha tagħlaq għajnejha għal dak li tħoss u tisfa infidila lejn żewġha daqslikieku xejn.

Trid tkun kapaċi tikkontrolla lilha nnifisha, meta ssib ruħha f'baħar ta' tiġrib. Qatt ma għandha tagħmillu tort gravi, billi toħroġ ma' ħaddieħor, iżjed u iżjed meta żewġha msiefer. Anzi, għax proprju hu msiefer toqgħod iżjed attenta biex għajb bħal dan ma tagħmilhulu qatt, għax in-nuqqas ta' preżenza tiegħu, suppost iżjed jorbotha miegħu.

Minħabba f'hekk tifhem li tinsab f'sitwazzjoni mwiegħra u ma jaqbillekx tkompli sejra kif qed tagħmel. Dak li qed ngħidlek naf li mhux faċli, imma ftakar li l-wegħda taż-żwieġ dan li titlob minn min hu miżżewweġ, iżjed u iżjed meta ż-żwieġ ikun ġie ċċelebrat bħala sagrament, bħala ġrajja qaddisa.

Kemm tkun ħaġa sabiħa u konsolanti li mara terġa' tiltaqa' mar-raġel, wara li jirritorna mis-safar fejn qiegħed jaħdem għall-għajxien tal-familja, u tmur tħaddnu u tbusu b'kuxjenza safja u b'imħabba li tkun għaddiet mill-prova tan-nar u baqgħet ma nħarqitx!

Il-miżżewġin dejjem iridu jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali tagħhom, iżjed u iżjed meta jħossu l-iebes tal-ħajja għax iħossuhom weħidhom, billi l-*partner* tagħhom ma jkunx qed jgħix magħhom kontinwament. ❑

# San Franġisk u l-Ħolqien fil-Filatelija

IT-TIENI PARTI

*F'din it-tieni parti f'din is-sensiela ta' Filatelija Franġiskana, ser nippreżentaw xi whud mill-bolol b'temi differenti li fihom jidher San Franġisk t'Assisi. Infakkru li dawn il-bolli qed jiġu ppreżentati hawnhekk bl-istess qies oriġinali tagħhom.*

minn P. Martin MICALLEF OFMCap

**1.** L-ewwel bolla li ġġib fuqha ix-xbieha ta' San Franġisk t'Assisi, jidher li hija dik maħruġa mill-Italja fil-11 ta' Ġunju 1923, biex jitfakkar it-III Ċentinarju tal-Fundazzjoni tal-Kongregazzjoni tal-*Propoganda Fidei.* Il-bolla li ġġib il-valur ta' 50 c hija waħda minn sett ta' 4 valuri ddisinjata mill-Prof. G.B. Conti u hija meħuda mill-inċiżjoni ta' A. Blasi. Kif kien jixraq għal dan iċ-ċentinarju, il-bolla turi lil Ġesù jibgħat lid-dixxipli fid-dinja kollha: *"Praedicate Evangelium omni creatura"* (Mk 16:15). Fil-ġenb tal-bolla, imbagħad, hemm miktub: *"Italica gens"* (naħa tax-xellug) u *"Patronato romano"* (naħa tal-lemin). Fl-erba' kantunieri nsibu erba' midaljuni. Fuqnett, in-naħa tal-lemin, jidher San Franġisk bil-kapoċċ f'rasu jħares 'il fuq. Fuqnett, in-naħa tax-xellug, jidher il-Papa Girgor XV li taħt il-Pontifikat tiegħu bdiet il-Kongregazzjoni għall-Propoganda tal-Fidi fl-1622. Isfel, in-naħa tal-lemin tidher l-istemma ta' l-Ordni Franġiskan, bl-idejn mikxufa ta' Kristu Ġesù msallba ma' l-idejn mgħottija ta' San Frangisk u bis-salib fin-nofs.




Interessanti ninnutaw żewġ żbalji f'din il-bolla. L-ewwel żbal huwa li l-kmand lill-Appostli biex dawn ixandru l-Evanġelju ġie mogħti minn Ġesù wara l-qawmien tiegħu. L-Evanġelista San Ġwann (Ġw 21:25-27) jgħidilna li l-ġisem irxuxtat ta' Ġesù kellu fih il-marki ta' l-imsiemer. Iżda fil-bolla, l-idejn ta' Ġesù huma mingħajr pjagi. It-tieni żball, fl-istemma Franġiskana, iż-żewġ idejn li tradizzjonalment iġibu fihom ukoll il-marki tal-pjagi, huma nieqsa minn dan is-sinjal.

**2.** F'it-8 ta' Awissu 1970, il-Grenada fakkar l-Espożizzjoni Internazzjonali ta' Osaka (Ġappun) b'sett ta' sitt bolol flimkien ma' fuljett. Il-bolla bil-valur ta' 50 c hija tassew waħda oriġinali.




Din turi statwa xi ftit mhux tas-soltu li tirrapreżenta lil San Franġisk ta' Assisi liebes il-kapoċċ ġewwa rasu. Fin-naħa t'isfel ta' l-istatwa jidhru xi elementi dekorattivi, li jirrapreżentaw ir-razzez tal-bnedmin li jinsabu fil-belt kbira ta' San Francisco fl-Amerika. Fuq in-naħa tal-lemin, jidher it-tram u wara l-*"Bay Bridge"* kif inhu magħruf li jaqsam il-*"Golden Gate".*

**3.** Fit-18 ta' Diċembru 1971, l-Arġentina ħarġet din il-bolla biex tfakkar il-festa tal-Milied ta' dik is-sena. Din il-bolla li ġġib il-valur ta' 25 c hija meħuda minn arazz, xogħol ta' Orazio Butler. Ix-xbieha turi l-Ordni Franġiskan bħal siġra. Id-dekorazzjoni tassew artistika tippreżenta b'mod simboliku is-siġra kbira mxettla fil-qalba tal-Knisja u msaħħa minn Ġesù Kristu permezz tal-frieghi, il-weraq, il-fjuri u l-frott tal-fidi, tat-tama u ta' l-imħabba ta' wlied Alla. Fiċ-ċentru ta' din ix xbieha jidher San Franġisk, il-bniedem li ta bidu għall-Ordni Franġiskan fis-seklu XIII. Fuqnett, bħala kuruna, tidher il-Verġni Marija, Patruna ta' l-Ordni Serafiku. Fuq in-naħa tal-lemin tagħna, hemm il-kmand



ta' Ġesù lil San Franġisk fil-Knisja ta' San Damjan: "Mur, Franġisku, u sewwi l-Knisja tiegħi li qed taqa'." Fuq in-naħa tax-xellug tagħna, l-Ordni Franġiskan Sekular. Dan l-arazz li hu għoli ta' 12-il metru, jinsab fil-knisja ta' San Franġisk fi Buenos Aires, l-Arġentina.

**4.** L-istat ta' Monaco ħareġ bolla sabiħa ħafna fis-27 t'April 1972 biex ifakkar il-*"Croix-Rouge Monegasque"* (Salib l-Aħmar - jew *Red Cross*). Il-bolla li ġġib il-valur ta' 3 f hija disinn ta' Pierrette Lambert, meħud mill-inċiżjoni ta' Haley. Il-bolla turi wieħed mill-episodji l-aktar għeżież mill-ħajja ta' San Franġisk, meta dan għannaq miegħu u bies lir-raġel lebbruż. Ix-xena hija ppreżentata fuq sfond ta' Salib mimli dija. Madwar il-Qaddis t'Assisi hemm jittajru xi ħamiem.




**5.** Fl-okkażjoni tar-IV Ċentinarju mit-twelid ta' P.P.Rubens (1577-1640), il-Belġju ħareġ sett ta' sitt bolol fir-4 ta' Settembru 1976. Il-bolla bil-valur ta' 10 f + 5 hija meħuda mill-pittura famuża ta' dan il-pittur, li għadha magħrufa bħala "L-aħħar tqarbina ta' San Franġisk". Il-bolla turi biss partikular minn din il-pittura. Hija turi l-wiċċ mhux ta' San Franġisk, iżda ta' wieħed mill-Patrijiet li qed iżommu lil San Franġisk waqt li qed jitqarben. Din it-tila famuża ġiet impittra fl-1619 għall-Patrijiet Mendikanti ta' Anversa. Illum tinsab fil-Mużew tal-belt.







**6.** Fit-2 t'Ottubru 1976, l-Italja fakkret is-750 Anniversarju mill-mewt ta' San Franġisk t'Assisi b'din il-bolla li ġġib il-valur ta' 150 l. Il-bolla hija meħuda mill-inċiżjoni ta' M.Madd. Tuccelli. Din turi lil San Franġisk li qed iżomm f'idejh ix-xellugija parċmina li fuqha hemm miktub: *"Pax huic domui"* (paċi lil din id-dar). Ħafna jżommu li din hija l-aktar xbieha antika ta' San Franġisk magħmula mill-Imgħallem Ruman Conxolus. Din ix-xbieha hija affresk li nsibu fil-kappella ddedikata lil San Girgor fis-Santwarju ta' Speco f'Subiaco, l-Italja, impittra għall-ħabta tas-sena 1222. Tabella Latina b'data riċenti tgħid hekk: *"Vera effigies S. Francisci ex Assisi, a quodam monacho depicta cum sanctus hoc sacellum veneratione prosequeretur MCCXXIII"* (xbieha vera ta' S. Franġisk t'Assisi impittra minn monaku meta l-qaddis waqaf biex jitlob f'din il-kappella - 1223). Huma tnejn l-argumenti favur din it-tradizzjoni: il-fatt li l-qaddis m'għandux la pjagi u lanqas raġġiera ma' rasu u l-kliem fil-ġenb tar-ras tal-qaddis: *FR FRACISCV, Frater Franciscus,* u mhux *Sanctus Franciscus.* Dawn huma indikazzjoni li l-affresk seta' sar meta San Franġisk kien għadu ħaj.

**7.** Fit-23 ta' Frar 1978, fl-okkażjoni tas-750 Anniversarju mill-Kanonizzazzjoni ta' San Franġisk t'Assisi, in-Nicaragua ħareġ sett ta' disa' bolol mill-isbaħ flimkien ma' fuljett. Is-suġġett ta' dawn il-bolol huwa San Franġisk jew postijiet/affarijiet li għandhom x'jaqsmu miegħu. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 1 c turi l-bieb mill-isbaħ tal-Basilika "Inferjuri" - kif inhi magħrufa - ta' San Franġisk ġewwa l-Belt t'Assisi.







**8.** Il-bolla l-oħra li ġġib il-valur ta' 4 c turi l-ġeneoloġija jew is-siġra Franġiskana. Din hija riproduzzjoni ta' arazz Fiamming tassew sabiħ maħdum fis-sekli XIV u XV fuq id-disinn ta' Dirck Buots. Dan l-arazz kien mogħti lill-Papa Sistu IV li jidher ukoll isfel taħt il-figura ta' San Franġisk. Dan il-Papa mbagħad kien ta dan l-arazz lis *Sacro Convento* ta' San Franġisk li hemm ġewwa Assisi. Illum, dan l-arazz, jinsab fil-*Museo Francescano* li hemm f'dan il-kunvent. L-arazz juri (fin-nofs, minn fuq għal isfel): (1) Lill-Verġni Marija bil-Bambin, it-tnejn imdawrin f'raġġiera kollha kuluri jiddu. (2) San Franġisk li fuq spalltu qed tistrieħ is-siġra u li jidhru tajjeb l-għeruq li jinżlu 'l isfel. Il-Qaddis jidher taħt baldakkin aħmar minn barra u blu minn ġewwa. Fuq il-baldakkin hemm il-kliem: *"Tres ordines hic ordinat".* Il-Qaddis jidher qed jirċievi l-pjagi mis-serafin b'sitt iġwienaħ li hemm fuq in-naħa tax-xellug tiegħu (fuq).

(Fuq ix-xellug minn fuq għal isfel)
(1) San Ludoviko, isqof ta' Toulousse liebes l-ilbies pontifikali, (2) San Elzerio Di Sabran b'xabla f'idejh, (3) Kardinal fuq il-labtu Franġiskan.
(Fit-tieni filliera fuq ix-xellug)
(1) Santa Klara t'Assisi qed iżżomm f'idejha l-Ostensorju.
(Fir-raba' filliera, mix-xellug għall-lemin)
(1) Sant'Antnin ta' Padova li qed iżomm salib kbir u lampa tixgħel.
(Fl-aħħar filliera, mix-xellug għall-lemin, u minn fuq għal isfel)
(1) San Bernardino ta' Siena, bil-monogramma ta' l-isem ta' Ġesù, (2) Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija liebsa l-labitu ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari, u li qed iżżomm f'idejha l-kuruna bħala reġina.

**9.** It-tielet bolla f'dan is-sett maħruġ min-Nicaragua hija dik li ġġib il-valur ta' 5 c. Din turi l-knisja ċkejkna tal-Porziuncola. Din il-kappella llum tinsab protetta minn Basilka kbira li nbniet aktar tard. Fiha San Franġisk miet f'Ottubru 1226. Kien f'din il-kappella, irrestawrata minn San Franġisk stess fl-1210, li l-Qaddis, laqa' fiha l-ewwel Aħwa. Kien hawn ukoll li lil Santa Kjara, San Franġisk qatgħalha xagħrha. F'din il-kappella għażiża, San Franġisk irċieva l-Indulġenza msejħa il-*"Perdono d'Assisi"*. Din il-kappella, San Franġisk kien irċevieha mingħand il-Benedettini ta' Subasio. Fuq il-faċċatta ta' din il-knisja għażiża, llum, kif turi l-bolla, naraw pittura sabiħa ta' San Franġisk jirċievi l-Indulġenza tal-Porziuncola.




**10.** Il-bolla l-oħra f'din is-serje hija dik li ġġib il-valur ta' 10 c. Din turi wieħed mill-aktar affreski popolari magħmul minn Ciambue (1245 c - 1303). Dan l-affresk li nsibuh fil-Basilika "Inferjuri" - kif inhi magħrufa - ta' San Franġisk ġewwa Assisi, jippreżenta ritratt ta' San Franġisk. Dan hu affresk għażiż għaliex jaqbel ħafna mad-deskrizzjoni li Tumas minn Celano, l-ewwel biografu ta' San Franġisk, ħallielna dwar dan il-Qaddis. Fil-fatt dan ir-ritratt, dak ta' Subiaco li diġà tkellimna fuqu, u ieħor li jinsab fi Greccio, huma l-aktar tliet affreski li naħsbu li jixbhu tassew lil San Franġisk kif fil-fatt kien.




**11.** Il-bolla l-oħra f'dan l-istess sett hija dik bil-valur ta' 15 c. Din turi l-Barka ta' San Franġisk lil Frate Leone, miktuba fuq pergamena lejn it-tmiem ta' Settembru 1224, wara li San Franġisk kien irċieva l-pjagi u qabel ma niżel minn fuq l-għolja ta' La Verna. Il-barka għandha l-istess formulazzjoni li Mosè kien ta lil Aron fuq l-ordni tal-Mulej stess. Isfelnett jidher is-sinjal tat-*Tau* li bih San Franġisk jidher li kien jiffirma.







**12.** L-aħħar bolla li nixtiequ nippreżentaw f'din is-serje ta' disa' bolol maħruġa min-Nicaragua hija dik bil-valur ta' 25 c. Din turi t-tieqa doppja dekorata li nsibu fl-abside tal-Basilika Superjuri ta' San Franġisk f'Assisi. Id-dawl li jidħol minn dawn it-twieqi dekorattivi bi ħġieġ kollha kuluri jħallu effetti tassew sbieħ f'din il-knisja magħrufa.

**13.** Fit-22 ta' Jannar 1979, l-Italja ħarġet bolla sabiħa bil-valur ta' 80 l. L-iskop ta' din il-bolla kien wieħed favur il-morda bil-lebbra. Fil-fatt, il-bolla turi lil San Franġisk jaħsel riġlejn lebbruż. Dan hu buzzett meħud mill-pittura ta' pittur anonimu Fiorentin, imsejjaħ bħala *"Maestro di Francesco Bardi"* (Seklu XIII). Dan ix-xogħol tassew sabiħ jinsab fil-Kappella Bardi tal-knisja Franġiskana Santa Croce ġewwa l-belt ta' Firenze, l-Italja. L-episodju li turi l-bolla nsibuh rakkuntat fil *Leggenda Minore* ta' San Bonaventura (FF n. 1045): "Mimli bi mħabba lejn kulħadd, mar qalb il-lebbrużi, u baqa' magħhom iservihom b'kura kbira. Kien jaħslilhom riġlejhom, u jinfaxxalhom il pjagi ... u kien ibushomlhom ukoll ..."







**14.** Fit-18 ta' Novembru 1980, fis-Solennità tal Qaddisin kollha, il-Vatikan ħareġ żewġ bolli. Il-bolla bil-valur ta' 250 l turi x-Xirka

tal-Qaddisin. Il-buzzett ta' din il-bolla ġie ddisinjat mill-Prof. G. Hainal. San Franġisk jidher f'nofs dawn il-qaddisin, it-tielet mix-xellug għal-lemin. Huwa għandu t-tonsura f'rasu. Qaddis ieħor Franġiskan jidher liebes il-labtu u l-kurdun, filwaqt li qed iżomm fergħa tal-palma f'idejh (l-aħħar fuq il-lemin).




**15.** Fl-20 ta' Jannar 1982, fl-okkażjoni tas-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk, il-Portugal ħareġ sett ta' żewġ bolol, it-tnejn juru lil San Franġisk. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 27 e, iddisinjata minn José Luiz Tinoco, turi lil San Franġisk flimkien ma' l-ewwel dixxipli tiegħu jirrestawraw il-knisja mwaqqgħa ta' San Damjan, li tinsab barra l-ħitan tal-belt t'Assisi.

**16.** Fl-4 t'Ottubru 1982, fl-għeluq tat-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' San Franġisk t'Assisi, il-Colombia ħarġet din il-bolla sabiħa bil-valur ta' 5 p. Il-bolla hija meħuda mill-pittura ta' Francisco de Zurbaran (1598 c. - 1664) u turi lil San Franġisk f'mument ta' talb. Il-qaddis jidher liebes il-kapoċċ f'rasu, filwaqt li qed iżomm ras ta' mewt. Wiċċu hu mdawwal bid-dawl li ġej minn fuq. Il-kwadru li minnha hija meħuda din il-bolla jinsab f'Monaco di Baviera fl-Alte Pinakothek.







**17.** Fit-30 ta' Diċembru 1983, ir-Repubblika Dominicana ħarġet sett ta' erba' bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 21 c turi lil San Franġisk, riproduzzjoni ta' xogħol ta' Angel Perdomo. Il-bolla turi biss il-wiċċ tal-qaddis, li huwa espressiv ħafna, b'mod speċjali fil-ħarsa tiegħu.

**18.** Fid-9 ta' Jannar, 1993, l-Istat tal-Vatikan ħareġ bolla għall-okkażjoni tal-laqgħa ta' talb għall-paċi fl-Ewropa. Din il-bolla, bil-valur ta' 1000 l, turi lil San Franġisk ifejjaq wieħed




marid. Din il-bolla hija partikular meħuda minn wieħed mill-affreski ta' Giotto li nsibu fil-Basilika ta' San Franġisk ġewwa Assisi.

**19.** Fit-30 ta' Jannar 1926, l-Italja fakkret is-VII Ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk b'sett ta' 6 bolol. Il-bolla bil-valur ta' 1,25 l hija disinjata minn Aldo Rizzini u meħuda mill-inċiżjoni ta' Repettati. Il-kulur ta' din il-bolla pjuttost antika, huwa blu. Hija turi l-mewt ta' San Franġisk imdawwar minn ħutu l-Patrijiet. Din il-mewt seħħet nhar it-3 t'Ottubru 1226, meta huwa talab lill-Patrijiet biex ineżżgħuh minn ħwejġu u jitfgħuh għall-qiegħa ta' l-art. Din l-istess bolla, f'serje ta' ħames bolli, ġiet maħruġa wkoll mill-Kolonji Taljani fit-12 t'April 1926, għall-istess okkażjoni. Dawn il-pajjiżi kienu ċ-Cirenaica, l-Eritrea, Oltre Giuba, u Somalja. Fuq dawn il-bollol dejjem dehru stampati l-isem tal-pajjiż rispettiv li kien qed joħroġhom.




**20.** L-istat ta' San Marino wkoll fakkar is-VII Ċentinarju mill-mewt tal-Fqajjar t'Assisi, billi fit-2 ta' Jannar 1928, ħareġ sett ta' erba' bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 5 l hija ta' kulur vjola. Din ġiet id-disinjata minn E. Federici u turi l-mewt ta' San Franġisk imdawwar minn ħutu l-Patrijiet u mit-tjur ta' l-ajru li jidhru jittajru fuq in-naħa tal-lemin (fuq) fi nżul ix-xemx. Fis-23 ta' 1936, San Marino reġa' ħareġ din il-bolla bil-valur ta' 2,75 l. Din il-bolla tagħmel parti minn sett ta' żewġ bolol.




**21.** Fl-10 ta' Marzu 1977, fis-750 Anniversarju mill-mewt tal-Fqajjar ta' Assisi, il-Vatikan ħareġ sett ta' sitt bolol li lkoll jikkorrispondu għal xi vers mill-Kantiku tal-Ħlejjaq kif miktub minn San Franġisk innifsu. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 200 l turi l-mewt ta' San Franġisk t'Assisi u tfakkar fil-vers: "Mulej, ħa tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem." ❑





*Meditazzjoni*

# Fil-għabex tal-ħajja

*minn Fr. Charles Delia S.J.*

Issa, li l-forzi ddgħajfu
u l-uġigħat ta' banda jew oħra
jinħassu spiss, Mulej,
sikwit niftakar
fik u fil-laqgħa miegħek,
li bħalha qatt ...
l-ewwel u l-aħħar ...
meta għad nara
s-sbuħija ta' wiċċek,
u nħoss ħanlna
it-tgħanniqa li tissokta
bla ma qatt tehda.
Inħosshom f'għadmi,
dejjem aktar artab,
is-snin ... u nedha niftakar fi tfuliti,
f'żgħożiti u f'żgħoriti, nithenna
fil-medda tal-lmgħoddl
nara l-uċuħ u
nduq l-għasel inixxi mill-qalb
ta' min ħabbni tassew ...
Kemm għoġbok titbissimli, Mulej,
matul il-ġirja ta' l-imgħoddi
li daqqa, lebbieti, ħarabli,
u daqqa, lehġien, kaxkarni ...
Dejjem hemm kont - fidil, ħdejja,
miegħi, fija, quddiemi ...
is-sieħeb,
il-ħabib tal-qalb, twajjeb u ħanin.
Kont il-wennies, u t-tabib
meta midrub u mdemmi,
jew qalbi magħsura bid-dieqa,
krabt il-karba tal-midneb
u tal-miġugħ ...
Tiċċajpar ħarsti,
u jdemmgħu għajnejja
x'ħin milmaħ jixluni
l-għajnejn qerrieda
tal-mostru ta' dnubi ...
Għax għalkemm il-maħfra
u l-ħniena
ta' ħarstek xejnulhom
qawwiethom,
ma nista' qatt tifkiriethom
inxejjen, Mulej.
Min jaf, Mulej,
tgħid għandi rroddlok
ħajr, fil-ġenn ta' moħħi,
u mqanqal
mit-tama ta' mħabbtek bla tarf,
ukoll għal ħtijieti,
li minnhom tnisslu
għarfien, dejjem iżjed u isbaħ,
tal-ħniena,
tal-maħfra u tal-mogħdrija
tiegħek?
Inħares 'il quddiem u nistħajjilni,
kulma jmur anqas imfitttex,
anqas mitlub ...
Għad jonqos is-smigħ ...
għad issejjaħli dejjem anqas
il-qanpiena ...
għad jibbiesu riġlejja ...
u jonqos dejjem aktar
l-għadd ta' min iżurni ...
l-għamad għad jaħkem
dejjem iżjed
lil għajnejja, u ftit ikunu
l-kelmlet maħżuża ...
Bħad-dawl tal-kewkba
feġġa jleħħ
kull bniedem ... jilħaq quċċata,
u f'ħakka t'għajn,
jitgerbeb 'l isfel
biex mad-dlam jitkeffen!
Inin il-moħħ, jogħtor il-ħsieb ...
Tibred il-ħajja, titqal il-kelma ...
U dejjem aktar waħdi nistħajjilni ...
aktarx fija għad jiftakru biss il-ftit
tassew "ta' ġewwa" ...
Iżd'inti ma tinsieni qatt, Mulej,
Qatt ma tħallini waħdi ...
Bħal qabel u bħal-lum,
fiż-żmien li ġej
m'intix ser titlaqni -
meta jinħallu l-forzi
int ma titlaqnix* ...
xjuħiti tkun għalija
"tqila" bil-fidi fil-preżenza tiegħek,
bit-tama, li ma ndumx
ma nitgħaxxaq
bid-dehra ta' wiċċek ...
imqawwija ta' kuljum
bl-imħabba li twaħħadni
miegħek u ma' l-aħwa
mkennija bil-ħsieb
ta' qlub żagħżugħa
li fihom tfawwar in-nixxiegħa
tal-ħajja ...
u li, warajna, b'ħarsithom 'il fuq,
ser jaqdfu 'l quddiem għalenija.

** ara Salm 70, 9.*



# KUBA u l-istorja tagħha




IR-RABA` PARTI

minn P. Philip CUTAJAR OFMCap

## 6. IR-RIVOLUZZJONI

Id-dittatura ta' Fulgencio Batista ma damitx ma qajmet reazzjoni. Grupp ta' żgħażagħ, immexxija mill-avukat Fidel Castro, fis-26 ta' Lulju 1953, attakkaw il-kwartieri militari ta' Moncada, f'Santiago de Kuba. Dan it-tentattiv kien falliment totali. Dawk li baqgħu ħajjin minn fost ir-rivoluzzjunarji ġew eżiljati fil-gżira ċkejkna *"Isla de los pinos"*, illum b'tifkira ta' din l-ġrajja hija msejħa *"Isla de la Juventud"*. Hawnhekk ingħata bidu għall-moviment rivoluzzjonarju.

Fl-1955, b'amnestija ġenerali, Fidel Castro u sħabu ġew meħlusa u eżiljati fil-Messiku. F'dan il-pajjiż il-moviment rivoluzzjonarju ġie organizzat aħjar, tant li Castro, nhar it-2 ta' Diċembru 1956, daħal mill-ġdid f'Kuba, megħjun mit-tabib Arġentin Ernesto Che Guevara, flimkien ma' 80 raġel. Dawn daħlu f'Kuba bil-famuża lanċa "GRANMA". Fidel Castro u ċ-Che bdew isibu diversi Kubani jagħtuhom appoġġ u jissieħbu magħhom fil-ġlieda kontra d-dittatura ta' Batista. Infatti, fl-aħħar tas-sena 1958, ir-ribelli okkupaw Santiago de Cuba nhar it-8 ta' Jannar 1959, wara l-isplużjoni tal-ferrovija mimlija ammonizzjon tal-gwerra, qrib Santa Clara, li kkawżat il-ħarba mill-pajjiż ta' Fulgencio Batista. Fidel Castro daħal rebbieħ fil-belt kapitali ta' Habana.

Fl-istess sena ngħata bidu għal diversi rifomi f'Kuba, fosthom dawk tal-biedja, l-edukazzjoni elimentari u n-nazzjonalizzazzjoni ta' l-għana kollu tal-pajjiż, fosthom l-industrija u l-proprjetà. Minħabba f'dawn ir-riformi l-Amerika, li kellha ħafna investimenti, għamlet reazzjoni qawwija. Minn dak inhar sa llum nibtu tensjonijiet gravi bejn iż-żewġ pajjiżi ġirien. L-amministrazzjoni ta' Eisenhower kisret ir-relazzjonijiet diplomatiċi ma' Habana nhar it-3 ta' Jannar 1961. Fl-istess sena numru ta' Kubani eżiljati, appoġġjati mill-Amerika b'J.F. Kennedy bħala President, niżlu fuq ix-xtut ta' Kuba f'attentat ta' invażjoni biex waqqgħu l-gvern ta' Fidel Castro. Kien attentat li mhux biss falla imma ġab ħafna stmerrija u kritika internazzjonali kontra l-Amerika.

Ftit taż-żmien wara, Castro ipproklama l-politika soċjalista tar-rivoluzzjoni. B'hekk Kuba marret mal-blokk ta' l-Unjoni Sovjetika u ġiet imkeċċija mill-Organizzazzjoni ta' l-Istati Amerikani. Dan ikkawża l-hekk imsejħa l-kriżi tal-missili. Filwaqt li r-Russja installat il-missili tagħha fuq art Kubana, l-Amerika, wara li bagħtet il-qawwa navali tas-sitt flotta fl-ibħra ta' madwar Kuba, iddikjarat l-*embargo* nhar it-22 ta' Jannar 1962, liema *embargo* għadu sejjer sa llum.



*Il-monument ta' Ernesto Che Guevara, wieħed mill-fundaturi tar-rivoluzzjoni komunista li twettqet f'Kuba fis-sena 1959. L-Arġentin Ernesto Che Guevara kien wieħed mill-pijunieri flimkien ma' Fidel Castro Ruiz u Cammillo Cienfuego li taw bidu għal din ir-rivoluzzjoni tlieta u erbgħin sena ilu. El Che, kif il-Kubani jsibuh, ġie maqtul fil-Bolivja. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu fil-qabar li hemm ma' dan il-monument maestuż.*

Il-kwistjoni ta' Kuba li ġiet bħal ballun f'saqajn iż-żewġ super-potenzi, ħraxet il-gwerra bierda bejn ir-Russja u l-Amerika.

Fl-aħħar instabet soluzzjoni għal dan il-konflitt li seta' ħalla riperkussjoni ta' xi gwerra dinjija oħra, billi sar ftehim ta' kompromess fejn ir-Russja aċċettat li tneħħi għal kollox il-missili minn Kuba filwaqt li l-Amerika ntrabtet li qatt ma kienet ser tinvadi lil Kuba.



*L-Avukat Fidel Castro Ruiz flimkien mat-Tabib Ernesto Che Guevara - iż-żewġ protagonisti tar-rivoluzzjoni kubana meta kienu għadhom żgħażagħ.*

## Jiktbilna P. Philip Cutajar ...

Jiena hawnhekk kelli Milied Kuban ieħor f'ħajti ... it-tielet wieħed. Kien Milied tassew sabiħ, verament nisrani, għalkemm fil-faqar u mal-fqar. Sa ġimgħa qabel il-Milied irnexxielna nirranġaw il-ħsara li għamlilna l-urugan Mitchell fil-knisja u speċjalment fis-sala parrokkjali. B'hekk stajna niddekoraw u norganizzaw l-attivitajiet kollha tal-Milied, li kienu suċċess bin-numru tan-nies jiżdiedu minn sena għal oħra. Din is-sena n-nies urew ġenn sabiex jakkwistaw bambin jew presepju ċkejken ħalli jarmawh fid-dar ... meta ġest bħal dan sa ftit snin ilu kien ipprojbit. Iltqajt ma' nies li qabel kienu weħlu multa mingħand il-pulizija għaliex kienu armaw il-presepju fid-dar. Ħafna nies minħabba l-biża' kienu farrku u rmew d-dekorazzjonijiet tal-Milied bħalma huma l-*Christmas Tree* u l-presepju, oħrajn refgħuhom moħbija fid-djar. Issa li l-folja, għall-grazzja ta' Alla, qed tinqaleb għall-aħjar; in-nies meħlusa mill-biża' ta' l-imgħoddi qegħdin joħorġu dak li kellhom moħbi fid-djar jew, jekk m'għandhomx, ifittxu kif jakkwistaw, u b'hekk fid-djar, il-familji bil-presepju u l-*Christmas Tree* qed jiżdiedu. In-nisa tal-Museum tal-Blata L-Bajda, meta kont Malta, tawni żewġ kaxxi mdaqqsa bil-bambini tal-ġibs. Kollha qassamthom. Tgħidx kemm ferraħt nies bihom. Xtaqt li kelli aktar. Jiena, bil-għan li nkompli nħeġġeġ lin-nies sabiex ikollhom presepju fid-dar, għamilt konkors għall-isbaħ tliet presepji. Huma numerużi dawk li ppartecipaw. Sejrin nagħtu l-premjijiet fil-festa ta' l-Epifanija. Biħsiebni nagħti premju mhux biss lill-aħjar tlieta imma lil kull min ipparteċipa, għax kollha għamlu l-isforz tagħhom; kollha huma sbieħ, u wkoll nagħmlilhom kuraġġ għal sena oħra.

Skond aħbarijiet uffiċċjali ġie mxandar li fil-Provinċja ta' Villa Clara biss, fejn ninsab jiena, b'kawża ta' l-urugan ġew imġarrfa 38,170 dar. Dan ifisser li għandna mat-38.000 familja mingħajr saqaf; mingħajr dar fejn joqgħodu. Fil-fatt, sa issa, għad hemm numru konsiderevoli ta' familji li għadhom evakwati fl-iskejjel, f'kampijiet tal-vaganzi tas-sajf maġenb il-baħar u f'postijiet oħrajn; postijiet li mhumiex mibnija biex jilqgħu fihom nies b'mod permanenti. Għalhekk huma neqsin minn ħafna bżonnijiet meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum. ❑



*Dehra tal-ħerba li l-uragan ħalla warajh. Is-saqaf fqir tal-pjanċi tas-sala parrokkjali tar kważi kollu mar-riħ u ħafna mill-pjanċi tant taru 'l bogħod li ma nstabux. Saret ukoll ħerba mill-għamara li kien hemm f'din is-sala, fosthom il-bankijiet.*

Min jixtieq jikkomunika ma' P. Philip Cutajar, jista' jikteb:
PARROQUIA "SANTA ANA"
Ap.do. 144 - SANTA CLARA 50100 - VILLA CLARA - CUBA
*Tel:* 00534220 6554
*E-Mail:* dei@cocc.co.cu

# Iżakk - Dak li Jidħak

minn Mons. Lawrenz SCIBERRAS

*Iżakk huwa Iben Abraham u Sarah. Dan twieled f'Gerar meta missieru kellu madwar mitt sena u ommu disgħin (Ġen 17, 19,21; 21,3-12). Ismu jidher miktub għal 140 darba fil-Kotba Mqaddsa. Meta din it-tarbija kellha tmint ijiem, missieru Abraham ħatnu u semmieh Iżakk. U Sara qalet: "Ġiebli t-tbissima Alla; kull min jisma' jitbissimli" (Ġen 21,6).*



*"Rebekka tagħti jixrob lil Iżakk"*
*Bartolomé Murillo (1617 -1682) - Mużew tal-Prado, Madrid*

## Tagħrif partikolari

Iżakk huwa wieħed mill-ftit eżempji fil-Bibbja fejn Alla direttament għażillu ismu u ħabbru qabel ma twieled. Fit-Testment il-Qadim eżempju bħal dan ta' Iżakk hemm ukoll Ismael, Salamun, Ġosija, Ċiru, u iben Isaija: Fit-Testment il-Ġdid imbagħad hemm dak ta' Ġwanni l-Battista u dak ta' Ġesù.

Iżakk huwa wieħed minn dawk il-figuri komplikati fil-Bibbja. U dan mhux għaliex intqal ħafna dwaru, daqskemm għaliex għad fadal ħafna li ma intqalx. Huwa figura li ġġorr magħha dell, xi ħaġa mhix kompluta, fejn tqanqal biex tħajrek tfittex u tiskopri aktar tagħrif dwarha.

L-istorja ta' Iżakk mhix waħda twila, u tiġbor fiha ftit bċejjeċ. Għaliex huma l-istess natura ta' l-azzjonijiet bħal meta huwa stess jiċħad għalihom. Il-ħajja ta' dan it-tieni patrijarka tista' tinqasam f'sitt taqsimiet: it-twelid ta' Iżakk, is-sagrifiċċju tiegħu, iż-żwieġ ta' Iżakk ma' Rebekka, it-tħaffir ta' bir, Iżakk u Abimalek, u fl-aħħar il-barka taż-żewġ ulied, Ġakob u Għeżaw. Ta' min jgħid li f'dawn l-azzjonijiet kollha Iżakk kien dejjem passiv, kienu l-oħrajn li ħadu xi azzjoni minn floku. Il-personalità tiegħu kienet kważi eku u mhux azzjoni diretta minnu.

Iżakk huwa wkoll iben il-patt. Lit-tliet patrijarki wara xulxin, il-patt ġie magħmul. Lil Abraham, hekk kif telaq minn Ur tal-Kaldin, (Ġen 12,3), u ma' Ġakob, f'Betel, (Ġen 28,14). Madanakollu Iżakk kien l-ewwel wieħed li wiret il-patt, u lilu Alla tah l-eredità sħiħa u kbira frott l-imħabba ta' Alla lejn missieru Abraham. "Il-Mulej bierek bis-sħiħ lil sidi u kabbru. Tah imrieħel u baqar, fidda u deheb, rġiel u nisa lsiera, u iġmla u ħmir" (Ġen 24,35).

## It-tfulija tiegħu

Fil-Bibbja ma hemm kważi xejn dwar l-ewwel snin tat-tfulija tiegħu, għajr li ta' tmint ijiem ġie ċirkonċiż minn missieru stess (Ġen 21,4). Bħala ġuvni magħmul, Iżakk sar il-maħbub ta' Alla. L-istoriku Lhudi Ġużeppi Flavju jgħid li meta dan il-ġuvni kellu ħamsa u għoxrin sena, missieru Abraham dejjem fuq l-amar ta' Alla ħa lil Iżakk minn Beer Xeba għal fuq il-muntanja Morijah biex hemm joffrih bħala debħa lil Alla. Hawn dehret fl-ogħla quċċata l-fidi tal-patrijarka Abraham, imma daqshekk ukoll dehret is-sottomissjoni ta' Iżakk għal kmand divin ta' Alla. Mhux biss imma huwa kien lest li jsir il-vittma safja għas-sagrifiċċju. "La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u

tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li inti tibża' minn Alla, u ma ċċaħħadnix minn ibnek il-waħdieni" (Ġen 22,12). L-awtur ta' l-ittra lil Lhud jikteb: "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se joffri lil ibnu l-waħdieni sewwasew dak li kien ħa l-wegħdiet" (Ld 11,17). Għalhekk fil-figura ta' Iżakk hemm it-tip ta' Dak li ta lilu nnifsu għad-dnubiet tad-dinja. Minn dak il-waqt tal-mewt tiegħu, Iżakk sar bniedem dedikat kollu kemm hu 'l Alla.

Meta mietet Sarah, omm Iżakk, huwa kellu madwar sitta u tlotin sena, u tassow sowwed qalbu għall mewt tagħha. Meta imbagħad Iżakk iżżewweġ lil martu Rebekka, huwa stejqer xi ftit, għaliex din imliet il-vojt li ħalliet ommu Sarah. Interessanti kif Iżakk ħalla l-għażla dwar min kellha tkun martu, f'idejn Alla. U għalhekk meta Iżakk ħareġ jistrieħ fir-raba' għall-ħabta ta' filgħaxija, rafa' għajnejh, ħares u ra lil Rebekka riesqa lejh. Huwa ħabbha u hekk saret martu (Ġen 24,67). Ukoll fost il-patrijarki l-oħra kollha, Iżakk kellu mara waħda biss.

## Il-karattru ta' Iżakk

Iżakk ma tantx kellu personalità qawwija, u għalhekk kienu l-oħrajn li ħadu deċiżjonijiet għalih, hekk ommu, il-qaddejja, ir-raħħala u l-istess missieru. Huwa kien imkennen u mfissed iżżejjed. U donnu hemm raġuni għaliex Iżakk sab ruħu f'din is-sitwazzjoni: Missieru Abraham, kellu jkun missier ta' nazzjon kbir: Kien huwa li waqgħet fuq spallejh din ir-responsabiltà kollha u sħiħa. Iżakk ma kellu joħloq xejn gdid, imma biss ikompli l-ftehim tal-ġenerazzjoni ta' qablu. Kien għalhekk ta' karattru magħluq, basta li huwa s-suċċessur ta' missieru Abraham. Id-destin tiegħu għalhekk kien sempliċiment li jġorr u jkompli dak li bdew ta' qablu.



*"Iżakk jagħti ħolqa tad-deheb u żewġ brazzuletti lil Rebekka."*
*Nicolas Poussin (1594 -1665) Mużew ta' Louvre, Pariġi*

Dan il-patrijarka huwa simbolu mhux le ta' qawwa li tfarrak u tiddistruġġi, imma qawwa li tikkonserva u żżomm l-affarijiet fil-post proprju tagħhom. Għalhekk donnha l-kreattività ma teżistix f'Iżakk. U għalhekk qatt ma pprova esperimenti ġodda jew ħoloq xi forma oħra. Huwa żamm dejjem lilu nnifsu fil-biża' ta' Alla, tant li aktar 'il quddiem fil-Kabbalah dan il-patrijarka baqa' sinonimu mal-biża' ta' Alla.

Kontra missieru Abraham, li kien jiġġerra minn post għal ieħor ifittex u jiskopri, Iżakk ipprova dejjem li joqgħod fl-istess post, jgħix ġo għarix, bniedem sedentarju. Ukoll fejn jidħol iż-żwieġ, ma kienx hu li għażel lil martu, imma ġabuha quddiemu. Minflok ma argumenta ma' dawk li kienu kontrih, huwa reġa' lura u stenna lilhom li jmorru huma għandu. Ukoll meta talab għal ġejjieni sabiħ ta' wliedu, Għesaw u Ġakob, kienet martu Rebekka li mmanipulat kollox hi.

Preċiżament, f'dik l-okkażjoni meta ġie biex ibierek lil ibnu, għandna x'nifhmu li fil-fond ta' qalbu huwa pprefera lil Għesaw, l-iben li kien kontra l-karattru ta' missieru. Dan kien bniedem ta' qawwa, ta' azzjoni immedjata; kien kaċċatur, bniedem li jiġri qalb l-għelieqi, idejh muswafa ħafna, u qatt ma hu kwiet taħt it-tined.

Iżakk donnu kien iħobb ħafna lil żaqqu. U hawn jidħol ukoll Ġakob. Kien jaf bis-sitwazzjoni meskina ta' missieru, xiħ u ma jarax, li rnexxielu jieħu hu l-primoġenitura. Ġakob hawn wera li huwa kien aktar fuq tiegħu minn l-istess missieru. Wara kollox, Iżakk xtaq li s-suċċessur tiegħu jkun wieħed kuraġġuż, għaqli, u ta' ċerta tenaċità. Dan joħroġ sewwa meta kien Iżakk stess li bagħat lil Ġakob biex isib għalih mara.

Bniedem xi ftit ta' karattru beżżiegħi, Iżakk ukoll jidħol fil-lista tal-patrijarki, li magħhom Alla saħħaħ il-patt tiegħu. ❑

# Ħniena u maħfra bla limiti

minn P. Frans ABELA GIUSTI ofs

L-EWWEL PARTI

## Maħfra *versus* Kastig

Illum kulħadd jitkellem mill-problema tan-nuqqas ta' rispett lejn l-awtorità. Ħadd ma jrid joqgħod għal ħadd. Ulied jirribellaw għall-ġenituri; xi nsara jikkontestaw il-ġerarkija tal-Knisja; ċittadini qatta bla ħabel kontra l-awtorità ċivili, u ... sejrin. Dal-baħar imqalleb ta' diżubbidjenza ta' żmienna, kien imqanqal xi ftit mhux ħażin ukoll fi żmien San Franġisk hu u jrawwem l-Ordni tiegħu. Uħud minn uliedu, imħeġġa żżejjed, spiss kienu jiġbdulu l-attenzjoni meta kienu jarawh ħali fil-ħniena flok ma jqum ftit fuq tiegħu u jikkastiga lil dawk li jonqsu. Hu ma kienx ta' dil-fehma; anzi kien jippreferi l-bidla personali ta' min jiżbalja flok l-applikazzjoni tal-kastig għall-iżball imwettaq. U tant hu minnu dan, li dan il-metodu personali ta' korrezzjoni tfur bl-imħabba, xtaq li jiġi anke addottat minn uliedu wara mewtu, kif insibu miktub f'ittra tiegħu indirizzata lil wieħed mill-Ministri tiegħu.



## Ittra lill-Ministru

Silta minn din l-ittra tgħid hekk: "Minn hawn irrid nara jekk inti tħobbx 'il Mulej u lill-qaddej tiegħu u tiegħek, kemm-il darba tagħmel dak li se ngħidlek, jiġifieri, li ma għandu qatt ikun hemm fid-dinja xi ħadd mill-aħwa, li jkun dineb, għamel kemm għamel dnubiet, li wara li jkun ħares f'għajnejk u jitolbok maħra, jitlaq minn ħdejk mingħajr ma jkun qalagħha minn għandek. U jekk hu stess il-maħfra ma jitlobhilekx, ħu ħsieb staqsieh iridhiex. U li kellu, wara dan, jidneb għal elf darba oħra quddiem għajnejk stess, ħobbu aktar minni, biex hekk jirnexxilek tiġbdu lejn il-Mulej. Qis li ma' aħwa bħal dawn turi dejjem ħniena. Waqt li nħeġġek twassal din xewqti lill-Gwardjani, qis li int ukoll iġġib ruħek b'dan il-mod" (Il-Kitbiet ta' San Franġisk paġ. 63; 97).

Kliem Franġisku jurina kemm kien prattiku fl-eżerċizzju ta' maħra li qatt ma tgħejja. Iħeġġeġ lill-Ministru għal ħniena u jagħti ċans lill-patri jieħu nifs qawwi u jitlob maħra. Ma nistgħux ma narawx f'din l-ITTRA t-tqegħid fil-prattika tal-preċett evanġeliku 'tal-maħra sa sebgħa u sebgħin darba' (cfr. Mt 18,22). ❑



# Iħobbni, ma jħobbnix, iħobbni ...

minn *Shirley VELLA gi.fra.*

Dalwaqt jasal San Valentinu! Ħafna nies ikunu qegħdin jistennew lil Cupid b'ħerqa kbira! Jistennew li jirċievu ħafna kartolini - tant li l-kaxxa ta' l-ittri tfur! U xi ngħidu għar-rigali - fjuri li jistorduk bil-fwieħa tagħhom, kaxxi taċ-ċikkulatini ppakkjati b'mod li jnessuk kemm sa jġorr il-miżien meta tintiżen wara li tikolhom ... L-aħjar li jmorru huma tal-ħwienet - malajr ineħħu l-affarijiet tal-Milied mill-vetrini u jpoġġu l-affarijiet ta' San Valentinu. Insomma, onfoq u ġib lil min.

Hija ġurnata li fiha l-maħbubin juru kemm iħobbu lil xulxin, kemm jiftakru u jaħsbu f'xulxin. Jekk matul il-ġurnata jkunu xogħol mela ċ-ċelebrazzjoni ssir matul is-serata kollha - ikla kbira, rigali u kliem sabiħ ta' mħabba. Il-ġurnata tgħaddi u kollox jerġa' lura għan-nomal - qisu qatt ma kien xejn. Però, bi kbira tkun jekk l-għarus jew l-għarusa j/tinsa din il-ġurnata speċjali! Kemm ġlied! Kemm għajat u biki!

Hemm uħud li San Valentinu anqas biss jagħtu kasu - mhux ġurnata bħall-oħrajn? Dak kollu *business* jgħidulek. Oħrajn ma jiċċelebrawhx għax ma għandhomx maħbub jew maħbuba. Dawn għandhom iħossuhom inqas mill-oħrajn kollha? U żgur li le! Huma xorta maħbubin, maħbubin mill-ġenituri tagħhom, minn qrabathom u mill-ħbieb. U dawk li ma għandhom lil ħadd? Ħadd ma jista' jgħid li ma għandu lil ħadd min iħobbu. Hemm persuna żgur li tħobb lil dawk kollha li ma tantx jintwerew imħabba. Eżattament din il-persuna tħobb lill-umanità kollha, bil-preġi u d-difetti kollha tagħha. Persuna li għamel kollox għalina, tana kollox fuq platt tal-fidda - tana dinja miżgħuda b'natura tant sabiħa li tgħaxxqek u tnessik il-problemi li l-ħajja tagħna ġġib magħha. Tana ċ-ċans li ngħixu ħajja li, jekk irridu, tkun tant sabiħa li lanqas naraw iż-żmien għaddej. U fl-aħħarnett, imma bil-wisq aktar importanti mill-affarijiet l-oħra kollha, tana lil Ibnu l-waħdieni billi bagħtu fid-dinja biex jgħix magħna, jurina t-triq għal għand Missieru, jmut għalina bl-aktar mod kiefer - imsallab fuq salib u jerġa' jqum minn bejn l-imwiet biex jurina li għal Alla l-Missier xejn mhu impossibli.

U ta' dan kollu ma jistenniex kartolini jew fjuri! Lanqas rigali. Jistenna biss ħaġa waħda - li nobdu l-kmandamenti tiegħu u li nħobbu lilu b'imħabba tal-ġenn. L-istess imħabba li wara kollox iħobbna biha Hu. Mela, jekk aħna nemmnu li Alla jħobbna tant, hemm bżonn li niftakru fih kull ħin u kull mument u mhux biss meta jkollna bżonnu. Alla ma għamilx bħall-bnedmin - ma ivvintax ġurnata li fiha għandna nuruh l-imħabba tagħna biex aħna nagħmlu dan ta' kuljum. Alla wkoll jirrabja, jiddispjaċih u jibki jekk aħna ninsewh u nwarrbuh fil-ġenb. Nippruvaw lil Alla nirrigrazzjawh kull ħin u kull mument ta' ħajjitna. Ma jfissirx li rridu noqogħdu nitolbu l-ħin kollu. Dan Alla ma jridux. Iridna biss li niftakru fih dejjem u li ta' spiss nitkellmu xi ftit miegħu. B'dan biss Alla jkun veru ferħan ... bħall-għarusa li tirċievi rigal mill-isbaħ mingħand il-maħbub tagħha f'jum San Valentinu!

Mela issa m'hemmx bżonn naqbad fjura u nistaqsi: "Iħobbni, ma jħobbnix, iħobbni ..." għax naf li Alla jħobbni. Iva ALLA JĦOBBNA LKOLL! ❑

# Siltiet mill-ittri tal-Missjunarji

## • Mons. Francis Baldacchino, Isqof ta' Malindi

Għażiż Fr. Joe,

Nittama li tinsab tajjeb. Sena Ġdida, ħajja ġdida, tleqq fid-Dawl Frangiskan!

Kellna festi sbieħ, bi knejjes mimlijin nies. Kull parroċċa kellha xi attivitajiet partikulari.

Mpeketoni kellhom il-proċessjoni bil-Bambin fil-knejjes kollha.

Malindi kellna naqsmu l-korijiet biex immorru nqaddsu u nkantaw f'diversi lukandi tat-turisti.

Din is-sena, għall-ewwel darba, kellna l-*party* djoċesan tal-Milied, u bosta patrijiet u sorijiet kienu preżenti.

Bħalissa għandi 24 saċerdot miegħi! Din is-sena s-seminaristi se jkunu 10 b'kollox.

Din il-ġimgħa nittama li nakkwista biċċa art kbira b'xejn, fejn nixtieq nibda nibni Ċentru Pastorali Djocesan. Għal-laqgħat tas-saċerdoti, tas-sorijiet, tal-katekisti, tal-*leaders* u tal-lajċi, l-aktar taż-żgħażagħ, niddependu mil-Luterani, li bdew igħollulna l-kera u ġieli ma jkollhomx post.

Jekk tiltaqa' ma' xi benefattur aħseb fija.

Sellili għal u awgura lill-ħbieb u l-benefatturi kollha.

Huk f'San Frangisk,

***+ Francis Baldacchino***

***Min jixtieq jgħin lill-Isqof Monsinjur Francis Baldacchino OFMCap fil-bini ta' dan iċ-ċentru jista" jibgħat l-offerti tiegħu fl-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana. Kull offerta tkun ferm apprezzata.***

## • P. Taddew Schembri OFMCap

Għeżież Huti fi Kristu,

Mill-ġdid il-Milied reġa' magħna.

Ix-xewqa tiegħi għal dan il-Milied qaddis hija li nħallu lil Kristu jitwieled tassew fi qlubna. Hu jaf min aħna. Jaf il-limiti tagħna. Aħna nafu mħabbtu għalina. Nagħmlu kuraġġ u nkomplu nibnu ħajjiitna fuq l-imħabba u għall-imħabba.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex irroddilkom ħajr għat-talb u għall-ġenerożità tagħkom. Min-naħa tiegħi nwegħdkom it-talb u niftakar fikom u fl-għeżież tagħkom fil-quddiesa ta' kuljum tiegħi. Nixtiqilkom Milied hieni u qaddis flimkien ma' Sena Ġdida mimlija barkiet mis-sema.

Ħukom fi Kristu

***Taddew***

## • Br. John Cassar OFMCap

Għażiż Joe,

Nispera fil-Mulej li tinsab tajjeb.

Qed niktiblek dawn il-kelmtejn, biex min qalbi nroddlok ħajr tad-donazzjoni li bgħattli tal-Milied.

Bħalissa, ninsab għaddej b' xi ftit attività ġo Madogo. Nittama li jekk l-ilma jerġa' jibda ġej regulari nibda nibni il-kċina. Minbarra hekk nittama li nirranġa minfejn jgħaddi l-ilma tax-xita biex ma jibqax jagħmel ħsara lill-knisja. Xtaqt li sa l-aħħar tas-sena għamilt il-bibien tal-ħadid imma għalissa aħjar nagħmel xogħol ieħor, li hu aktar utli.

Għal-lum ser nieqaf hawn. F'għaqda ta' talb u mħabba nselli ħafna għalik u nawguralek il-festi t-tajba għall-Milied Imqaddes u għas-Sena l-Ġdida, lilek u lill-ħbieb kollha tal-missjoni.

Sliem.

***Giovanni***

## • P. Publius Mair OFMCap

Għażiż Joe,

Sliem, barka u hena lilek.

Fr. Emanuel Barbara u jien wasalna hawn Nairobi l-bieraħ, l-Ewwel tas-Sena, qawwijin u sħaħ. Nittama li int u l-aħwa tal-fraternità tal-Furjana tinsabu lkoll tajbin.

Sellili għal sħabna u għall-ħbieb kollha tal-missjoni.

Il-kumplament tas-Sena t-Tajba.

***Publius***

## • P. Spiro Galea OFMCap

Għażiż Joe,

Insellimlek minn Hola. Il-ġimgħa l-oħra waslitli l-ittra tiegħek flimkien ma' xi ħaġa għall-Milied. Grazzi ħafna ta' l-interess tiegħek fina.

Flimkien ma' sħabi nselli ħafna għalik u nixtieq il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mimlija b'kull barka tas-sema lill-benefatturi kollha.

***Spiro***

*Aħbarijiet Kapuċċini*

# ANNIVERSARJI TA' L-AĦWA KAPUĊĊINI - 2001

Nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru 2001 l-Aħwa Kapuċċini ltaqgħu fil-kunvent tal-Furjana biex flimkien jaqsmu l-ferħ tal-Milied. Il-laqgħa bdiet b'ħin ta' talb fil-knisja u wara taw l-awguri lil xulxin, b'mod speċjali lil dawk li kellhom xi anniversarju matul is-sena 2001. Dawn kienu: 50 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterjali: Gejtanu Galea; 50 sena mill-Professjoni Perpetwa: Alexander Schembri u Gabriel Bartolo; 50 sena mill-Professjoni Temperanja: Ġwakkin Mercieca, Onorat Spiteri, Modest Gatt u Charles Cardona; 25 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterjali: Joe Libreri; 25 mill-Professjoni Perpetwa: Joe Grixti. Lil dawn Ħutna nawgurawlhom u nitolbu għalihom sabiex il-Mulej ikompli jsawwab fihom l-ispirtu tal-qdusija u jgħinhom fil-ministeru pastorali tagħhom.





*Uħud mill-Aħwa li ċċelebraw xi anniversarju u li kienu preżenti: (mix-xellug) P. Gwakkin, P. Gejtanu, P. Onorat, P. Modest, P. Charles u P. Joe*

## • P. Silvestru Bonavia OFMCap

Għażiż P. Joe,

Issa li qed joqrob Żmien il-Milied nixtieqlek kull barka tal-Mulej u ferħ qaddis li jiġina biss minn Kristu "il-bieraħ, illum u dejjem".

Nixtieq nirringrazzjak dejjem ta' kull ma tagħmel b'riżq il-ħidma missjunarja li aħna qed inwettqu 'l bogħod minn Malta.

Inselli ħafna għalik, għall-*istaff*, qarrejja tad-**Dawl Franġiskan** u benefatturi kollha tal-missjoni, magħqud ma' ħafna talb.

Sliem u grazzi.

***Silvestru***

## • P. Hilary Abela OFMCap

Għażiż ħija Joe,

Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem miegħek.

Nixtieq nibgħatlek ħajr tal-għotja tiegħek b'rigal tal-Milied. Nittama li wliedi s-suwed ikollhom kilo iżjed fix-xiri tal-ħelu. B'hekk ikunu jistgħu jifirħu iżjed fil-Milied.

Mpeketoni jidher li hu maħbub minn Alla. Din is-sena ħadna ħames żgħażagħ għall-vokazzjonijiet: wieħed għal Kapuċċin, wieħed għal-saċerdot djoċesan u tliet tfajliet għal sorijiet.

Inħallik hawnhekk waqt li nibqgħu magħqudin flimkien fil-ħidma missjunarja biex is-Saltna ta' Alla tkun imżewqa b'kollox: suwed u bojod.

L-isbaħ xewqat għall-Milied u għas-Sena l-Ġdida.

***Hilary***

## • P. Joe Galea OFMCap

Għażiż Joe,

Nispera li tinsab tajjeb bħalma ninsabu aħna. Bħalissa għandna x-xita u ħafna żliq. Nhar it-Tnejn nipprova mmur Mombasa u niżviluppa r-ritratti ta' l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Andrei Kokani u nibgħathomlok.

Hawn għadna mimlijin bix-xogħol bħas-soltu. Bħalissa għadu ġej l-ikel - 1,500 tunellata - u rridu nqassmuh minkejja li kullimkien tajn. Qegħdin nippreparaw ukoll għall-Milied li qorob sew.

Inselli għalik u għall-ħbieb kollha tal-missjoni.

Nitolbu għal xulxin u Alla jberikna.

***Joe***

# Samira

minn Jeanette FALZON

"Insellimlek għażiża tiegħi ... issa strieħ u kompli għix f'qalbi!" Dawn l-aħħar kliem li għedt lil binti wara erba' snin ta' agunija baqgħu jirbumbjaw f'moħħi salġurnata ta' llum. Tassew kiefra tagħti l-aħħar tislima lil xi ħadd għażiż, speċjalment meta dak ix-xi ħadd kien bidillek ħajtek u għallmek xi jfisser meta tħobb b'qalbek kollha lil xi ħadd mhux għal din id-dinja!

F'erba' snin, jien iddisprajt, bkejt, qtajt qalbi, sħitt lili nnifsi, fraħt, ittamajt, tlabt u sa fl-aħħar striħajt meta binti telqet lili biex tingħaqad ma' Alla. Issa tassew nemmen f'Alla iżda meta sirt naf li kien ser ikolli tarbija, ma ridtx naf bih, iktar u iktar meta Alla kien għoġbu jagħtini tarbija dgħajfa u bl-ebda tama li tgħix u tikber bħal trabi oħra.



Kien għad għandi tmintax-il sena meta għabbejt lili nnifsi b'tarbija li kont naf li kelli nrabbiha waħdi. Meta għedt 'l ommi u 'l missieri li kont inqbadt tqila u li missier it-tarbija ma riedx jerfa' l-piż ta' għemilu, ma nafx kif 'l ommi ma qtilthiex dak il-ħin b'attakk tal-qalb u kif missieri ma qatilnix b'idejh stess. Kelli mmur noqgħod għand nannti sakemm il familja tiegħi ikkalmat u aċċettaw lil binthom f'darhom mill-ġdid bi tliet xhur tqala. Laqgħuni lura bil-patt u l-kundizzjoni li lil dik it-tarbija, frott l-iżball tiegħi u d-diżunur tagħhom, kelli nagħtiha lil xi istitut hekk kif inwellidha. Jien ma stajtx ngħidilhom le għaliex lanqas jien ma ridtha. Ma flaħtx ngħidilhom le lanqas li kieku ridt inrabbi lil binti minn fuq li kienu reġgħu laqgħuni għandhom.

Dik it-tarbija ma ridthiex f'ħajti! Kienet diġà ġabitli wisq problemi u kienet għadha lanqas twieldet. Ir-raġel li kont inħobb kien telaqni għax ma ridnix iżjed b'tarbija ġo fija. Kelli nieqaf nistudja u nieqaf naħdem. Ommi u missieri aċċettawni f'darhom għaliex ma ridux li n-nies jgħidu aktar bina. Ħbieb ma kienx baqagħli; ħwejjeġ tad-ditta ma baqgħux jiġuni u kull min kien iħares lejja kien jitħassarni jew jitkaża bija. Ftit xhur oħra u neħles minnha u nista' nerġa' nibda ngħix u mhux neżisti biss!

Kont ħsibt li kollox kien ser jitranġa hekk kif neħles mit-tarbija, iżda mat-tielet xahar tqala saħħti bdiet tmur lura ħafna u kelli nintefa' fis-sodda sa ma nwelled.

"Għadek lanqas twelidt u diġà ħassartli ħajti u saħħti!" kont spiss ngħid bejni u bejn ruħi. Is-solitudni li ħakmitni f'dik is-sodda, waħdi, għal sitt xhur, m'għenitnix biex inħobb lil binti u nieqaf nisħeta.

Fl-aħħar twieldet wara ħames sigħat ta' agunija. Fl-aħħar ħlist, fl-aħħar ħlist, bqajt nirrepeti lili nnifsi hekk kif smajt lil dik it-tarbija tibki u xejn ma ġietni kurżità jew istint biex inħaddan imqar darba lil binti. Imbagħad smajt ħafna ilħna jgħidu li kienet tifla, iżda ma kinetx qed tieħu nifs sew u lanqas baqgħat tibki. Ma stajtx nifhem x'kien qed jiġri madwari iżda naf li xtaqt nifhem x'kien qed jiġri lil binti. Bdejt inħoss għaliha u minflok ma ħassejtni mistrieħa, bdejt inħossni ħatja.

Meta qomt mir-raqda li tant kelli bżonn wara l-ħlas, it-tobba ġew jgħiduli li t-tifla, għalkemm fiżikament kienet normali, kienet handikappata mentalment. Il-ħsara li kellha ma setgħet titranġa qatt u qaluli li ma kellhiex tama tgħix iżjed minn sentejn. Dak il-ħin ridt nara lil binti, ridt inħaddanha miegħi u nitlobha taħfirli allavolja kont naf li la dak il-ħin u lanqas meta tikber ma kienet ser tifhem x'kont qed ngħidilha għaliex futur ma kellhiex.

Ridt inżommha miegħi anki kontra r-rieda tal-ġenituri tiegħi, għalhekk tlabt lil nannti terġa' tilqagħni f'darha. Almenu kont sibt qalb tajba, qalb nies ta' demmi stess. Semmejtha Samira, għal ħabiba li darba kelli iżda li kienet mietet f'età tenera wkoll.

F'dawk l-erba' snin niftakarni niġri mingħand tabib għal ieħor biex forsi jsibulha kura, iżda għalxejn. Ħadd ma seta' jittamani dwar binti, iżda binti bdiet tikber bħal tfal normali, kulħadd jiggustaha meta kont immur l-isptar biha u saħansitra ommi u missieri, meta darba rawna l-isptar, ġiethom ħniena minnha u talbuni naħfrilhom.

Samira kienet reġgħet għaqqditni m'ommi u ma' missieri u jien bdejt inħobbha dejjem iżjed. Kont naf li xi darba kelli nissepara minn dak il-wiċċ tond, dawk il-wardiet ħomor u dawk l-għajnejn żoroq dejjem jidħqu imma mimlijin tbatija u dak il-ġisem żgħir tagħha li ma kellux tama li jsir ġisem ta' tifla normali u b'saħħitha.

Kont bdejt naħseb li t-tort kien tiegħi li binti twieldet immankata għaliex jiena ma ridthiex, għaliex jien kont nisħetha u ridt neħles minnha. Iżda Samira stess, bil-karattru ferrieħi tagħha u bit-tbissima tagħha, bidlitli din il-fehma. Samira saret l-anġlu tiegħi, ħlejqa żgħira u bla tama li għaliha kont inqum ferħana filgħodu biex immur naħdem għaliha, u għaliha kont qed ngħix u nemmen f'Alla.

Samira għexet għal erba' snin għalkemm it-tobba kienu dejjem jgħiduli li ma kellhiex tgħix iżjed minn sentejn, u dan għalija kien don kbir. Alla kien għoġbu jimlili ħajti biha għal erba' snin li fihom iġġilidt kemm stajt kontra l-mewt u bqajt nittama sa l-aħħar li lil binti stajt ingawdiha għal ħafna iżjed snin.

Iżda fl-aħħar, il-ġisem dgħajjef u l-moħħ għajjien ta' binti ma felħux iżjed għall-ġiri għand it-tobba u għall-mediċini ta' kull għamla u kwalità. Mietet fis-sliem, rieqda ħdejja u telqet bla ħoss. Bkejt meta filgħodu ma stajtx inqajjimha lanqas bit-tagħrix tiegħi iżda mbagħad farraġt lili nnifsi bil-ħsieb li issa binti ma kinetx ser tbati iżjed u li kienet ser tibqa' tgħix f'qalbi.

Illum qed immur ma' wliedi u ma' żewġi nżurha u ndawwal il-qabar tagħha bil-fjuri, fix-xemx u fix-xita. Wara mewtha, Alla kien għoġbu jlaqqagħni ma' raġel bil-għaqal li laqagħni bil-passat u bil-memorji tiegħi. Issa, meta nħares f'għajnejn uliedi, nara għajnejn Samira jew nisma' d-daħqa ta' Samira, l-anġlu tagħna.

Samira għadha ħajja f'qalbi u f'għajnejn uliedi li dejjem ifakkruni f'kemm kont ixxurtjata li gawdejt tifla bħalha għal erba' snin, li fihom tgħallimt inħobb u niġġieled għal min inħobb. ❑


# Tista' tgħin lill-missjoni billi tiġbor u tibagħtilna:



**• Bolol u telecards użati**

Jekk għandek bolol u *telecards* ta' Malta u ta' barra użati, jew taf b'min għandu, ibgħathomlna u aħna nkunu nistgħu nbigħuhom biex inkomplu ngħinu lil ħutna Kapuċċini fil-missjoni u lin-nies li magħhom qed jaħdmu. Importanti li l-bolla tkun maqtugħa minn ma' l-envelop daqs ċentimetru 'l bogħod mill-pizzi tagħha, kif ukoll li t-telecards ma jkunux milwijin. Dawn imbagħad ikunu għall-bejgħ fl-Uffiċċju tal-Missjoni, il-Kapuċċini l-Furjana.

**• L-irċevuti fiskali tal-V.A.T.**

Hemm xi ħbieb tal-missjoni li qed jibagħtulna l-irċevuti fiskali tal-V.A.T. biex bihom inkunu nistgħu nieħdu sehem, b'riżq il-missjoni, fil-Lotterija li titla' kull xahar mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku. Lil dawn nirringrazzjawhom u jekk hemm oħrajn li jixtiequ jibagħtuhomlna jkunu qed jagħtuna aktar ċans li nirbħu u b'hekk ngħinu lill-missjoni tagħna.

Nirringrazzjawkom ta' kull għajnuna li tagħtuni, żgħira kemm tkun żgħira. Għal aktar tagħrif ċemplu 21 233 874.

# TISLIBA 21

minn P. Wistin ATTARD ofm cap



1. ... li int. (Ġak 2, 20) (5)
2. u 19. Sultan ta' Salem. (Lhud 7, 1) (10)
3. Inwassal fit-tmiem. (Kol 1, 24) (5)
4. Kristu, il-ġebla tax-.... (Efes 2, 20) (5)
5. Żammha f'maktur. (Lq 19, 20) (4)
6. It-telgħa ta' din il-belt. (Is 15, 5) (5)
7. ... allura nitħassar. (Koħ 2, 20) (5)
8. In-nannu ta' Elkana. (1 Sam 1, 1) (5)
9. Magħmul mill-bronż. (Salm 18,35) (3)
10. Il-laqam ta' Ġuda. (1 Mak 2, 4) (7)
11. u 12. Iżjed milli jnaddaf il-fidda. (Mal 3, 3) (6)
13. Il-ġrad joħroġ minnha. (Naħ 3, 16) (6)
14. Imbagħad *ħadt* iż-żewġ twavel. (Dt 9, 17) (5)
15. X'jiġrilhom li jħalluh. (Bar 4, 1) (5)
16. Nistqarr 'tiegħi' u dnub il-poplu. (Dan 9, 20) (5)
17. Telquhom il-baħar. (Atti 27, 40) (5)
18. Għalihom ma jistax ikun. (Mt 19, 26) (7)
19. Ara 2.
20. Mid-deżert ta' fejn? (Num 13, 21) (3)
21. ... li għandna ż-żmien. (Gal 6, 10) (5)
22. Jew minn dawn jew min-nagħaġ. (Lev 1, 2) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR:***

*1. Ftaħt; 2. Smajna; 3. Wirti; 4. Ħażen; 5. u 19. Salvatur; 6. Widna; 7. Timni; 8. Arami; 9. Ħaj; 10. Tvenven; 11. u 12. Waddbu; 13. Beljar; 14. Ħtart; 15. Addar; 16. Krabt; 17. Editt; 18. Tmaqdir; 19. Ara 5; 20. Lod; 21. Rħula; 22. Bqajt.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar hija: MS. RITA GIALANZÈ - ŻABBAR**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

P O E Ż I J A

## JUM L-APPOSTLU PAWLU

***minn Patri Remiġ Galea OFMCap***

Pawlu kien issa u jibqa' fil-ġrajja,
Ta' gżiritna, fir-ruħ ta' kull żmien,
Xtered fostna fil-lehma tal-arti,
Jum bla għabex ta' dawl u ħelsien.

L-id moħbija li tfassal u ssawwar,
Taħdem sew fil-ġrajjiet tal-bnedmin,
F'xatt il-ħniena u l-imħabba twassalhom
Jekk dawn jagħżlu t-triq tal-ħenjin.

Kienet mewġa qalila u setgħana,
Tiflaħ tidfen fl-irdum tad-dagħbien,
Kaxkret magħha l-mirkeb ta' Pawlu
Bejn zewg gzejjer, taħt sura ta' Isien.

Malta ltaqgħet ma' Pawlu għal dejjem,
Kelma taw, b'xhieda mqaddsa mnaqqxin,
Dik il-merħla wemmiena u qalbiena,
Għajn ta' safa ta' dawl u twemmin.

Din il-laqgħa ta' mħabba ta' għaqda,
Baqgħet tnebbaħ lil niesna f'kull żmien,
Fuq kull għolja f'kull maqdes fi ħsiebna,
B'ġamar safi ta' dawl u nirien.

Fuq il-baħar imqalleb tal-ġrajja,
Fuq il-mirkeb ta' Pawlu rebbieħ,
B'ħajja li ħadd ma jintilef,
Malta temmen f'xatt kenni ta' ġieħ.

Ħajr lil Malta lill-poplu qalbieni,
Baqa' jbaħħar mal-medda tas-snin,
B'rieda safja u sħiħa mas-sema,
Lejn ix-xefaq b'kuraġġ u twemmin.





# Ħarsa ta' Mħabba

minn *Br Dennis CALLEJA OFMCap*

Forsi hawn min jaħseb li l-bniedem jgħaddi mingħajr Alla, imma hu stess qalilna li "mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn". Kulħadd għandu bżonn lil Alla, għax kulħadd għandu bżonn ta' direzzjoni.

Is-sejħa għall-ħajja reliġjuża jew saċerdotali, hija sejħa li tagħti lilek nnifsek lil Alla u toffri ħajtek għas-servizz tal-poplu nisrani biex toffrilu direzzjoni u twasslu għand Alla. Hija vokazzjoni ta' mħabba li ġiet magħżula għalik mill-Mulej. Tefa' ħarsa ta' mħabba lejk u għażlek biex tkun tiegħu biss.





Don Foresi, saċerdot Taljan, f'diskors li għamel fuq is-sejħa, qal hekk: "Il-vokazzjoni hija ħarsa ta' mħabba ta' Alla li għandha l-bidu tagħha f'mument partikulari f'ħajjitna, meta aħna nintebħu biha, iżda min-naħa tiegħu huwa dejjem kellu għalina minn qabel ma twelidna." Dan il-kliem tikkonfermahulna l-Kelma ta' Alla stess: "Qabel ma sawwartek fil-ġuf, jien għaraftek" (Ġer1, 5). Jekk dan il-kliem jgħodd għal Ġeremija, għal Iżaija, għal Iżreal, għal Ġwanni l-Battista u għal Pawlu, jgħodd għalik ukoll.

Emmen mela fis-sejħa li qed jagħmillek Ġesù. Is-sejħa hija teżor. Teżor li għoġbu jagħtih lilek personali mhux għax int aħjar minn ħaddieħor iżda għax tefa' ħarsa ta' mħabba lejk u għażlek biex tkun tiegħu biss u għalih. Hija stedina speċjali għalik li l-Mulej qed jagħmillek biex tħaddan il-ħajja kkonsagrata. Il-ferħ li jkollok li timxi wara Ġesù huwa ferħ li ma tiddiskrivihx. Ferħ li jaf jagħtih biss Kristu. Ejja u ara! ❑

# RIŻULTAT TAL-LOTTERIJA TAL-MILIED



Nhar il-Ħadd, 6 ta'Jannar, 2002, ġiet imtellgħa l-Lotterija b'risq il-Missjoni tal-Kapuċċini organizzata mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini

**L-1 Premju:**
**Żewġ Biljetti ta' l-Ajru għal Ruma u lura ġentilment mogħtija mill-AIR MALTA, flimkien ma' tliet iljieli *(bed & breakfast)* ġentilment offruti mit-TRINATOURS Ltd**
Biljett rebbieħ numru 030112
Ms Alison Buhagiar
9, Triq iż-Żarżarell
Żabbar

**It-2 Premju:**
**Hamper Kbir**
Biljett rebbieħ numru 040198
Ms Charmaine Chetcuti
105, Pomsomby Street
Gżira

**It-3 Premju: Hamper Kbir**
Biljett rebbieħ numru 018173
Ms Mary Galea
302, Bwieraq Street
B'Kara

**Ir-4 Premju: Hamper Kbir**
Biljett rebbieħ numru 018585
Mr Dominic Vella
66/67, Windmill Street
Cospicua

Nifirħu ħafna lir-rebbieħa ħbieb tal-missjoni, u rroddu ħajr minn qalbna lill-benefatturi kollha li għenuna f'din il-Lotterija:

- Lill-AIR MALTA li, permezz tas-Sur John Saliba, ġentilment tatna l-biljett ta' l-ajru b'xejn,
- Lit-TRINATOURS Ltd li, permezz tas-Sur Godwin Mercieca, ġentilment offriet il-*lodging* f'lukanda f'Ruma għal tliet iljieli *(bed & breakfast)*,
- Lis-Sinjuri Antida u Joe Gauci li ħadu ħsieb jiġbru l-*hampers*, u lil min tahom l-oġġetti għalihom, fosthom: Mr Anthony Mercieca, Mr Charles Grech, Mr C. Camilleri & Sons, The Albion Stores u Mr. Nicholas Camilleri,
- Lill-*helpers* kollha li taw is-sehem tagħhom,
- Lil kulmin biegħ u/jew xtara l-biljetti.